Vol 37
Nru 194
Ottubru - Diċembru 2016

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2016

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Knisja ta' San Salvatur minn fuq bejt fil-kwartier Lhudi*

# Werrej



6



17



21




6 Franġiskani tal-kustodja fis-Sirja

17 Il-faqar u l-foqra tal-Mulej fil-Bibbja

21 L-umanità u d-divinità ta' Kristu fil-ġrajja tal-Epifanija

26 "Għidilhom kulma għamel miegħek il-Mulej, u kif ħenn għalik" (MK 5:19)

31 Ġesù jfejjaq raġel mifluġ (MK 2:1-12)

43 Il-qabar ta' Kristu mikxuf




# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## Franġiskani tal-Kustodja fis-Sirja

Matul dawn l-aħħar ħames snin ilna nassistu għall-konflitt imdemmi fis-Sirja, li żviluppa fi gwerra ċivili bejn il-qawwiet militari li jappoġġjaw lill-President Bashar al-Assad, il-qawwiet tal-hekk imsejjaħ Stat Islamiku, u l-qawwiet ta' diversi forzi ribelli fosthom il-Front al-Nusra, fidil għall-organizzazzjoni al-Qaeda. Dan il-konflitt hu gwerra dikjarata bejn il-maġġoranza Sunnita tas-Sirja u l-minoranza Alawita li tagħha hu membru l-President al-Assad. Fil-konflitt spiċċaw jiżfnu fin-nofs minoranzi oħrajn mhux Musulmani, l-aktar il-minoranza Kristjana li tagħmel 10% mill-popolazzjoni, kontra 74% Musulmani Sunniti.

Saru atroċitajiet terribbli li wasslu għall-agħar kriżi umanitarja wara dik tat-Tieni Gwerra Dinjija u tal-konflitt fil-Balkani. Aktar minn 250 elf Sirjan tilfu ħajjithom, u fuq 11-il miljun spiċċaw kellhom jaħarbu minn djarhom, b'1,067,785 rifuġjati fil-Libanu, 639,704 fil-Ġordanja, u 2,715,789 fit-Turkija, minn fejn diversi minnhom ħarbu lejn l-Ewropa fi kriżi umanitarja fil-Greċja u l-pajjiżi tal-Balkani, biex ifittxu kenn fil-Ġermanja (158,657 rifuġjati), Ingilterra (2,659 rifuġjati), Svezja (50,909 rifuġjati) u diversi pajjiżi oħrajn tal-Unjoni Ewropea.

Għalkemm fl-ewwel snin il-konflitt mess il-fazzjonijiet lokali li semmejna, malajr bdew jidħlu fil-kwestjoni l-qawwiet militari mondjali, l-aktar ir-Russja, li appoġġjat lill-



*...editorjal*

*Franġiskani tal-Kustodja fis-Sirja*

President Bashar al-Assad, u l-Istati Uniti tal-Amerika, Ingilterra, Franza u Turkija li appoġġjaw il-fazzjonijiet ribelli biex iġiegħlu lil Assad jirriżenja. Kollha jgħidu li qed jiġġieldu kontra l-Istat Islamiku fis-Sirja u l-Iraq, fiż-żoni li fih twaqqaf il-Kaliffat tat-terrur. Biex jiġġieldu kontra l-Istat Islamiku daħlu wkoll il-qawwiet Kurdi tal-Peshmerga, li huma fi gwerra kontra t-Turkija li tqishom bħala organizzazzjoni terroristika.

F'dan it-taħwid kollu baqgħu preżenti fis-Sirja l-Patrijiet Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa. Il-Kustodja ilha preżenti fis-Sirja sa mill-bidunett tal-eżistenza tagħha. L-ewwel kunvent tal-Franġiskani tal-Art Imqaddsa f'Aleppo jmur lura għall-1238. F'Aleppo nsibu Franġiskani Maltin li kienu fis-servizz tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, fosthom Patri Rajmondu Borg, mill-Belt Valletta, li kien għal 32 sena missjunarju apostoliku fl-Orjent. Fl-1757 insibuh professur tal-Għarbi, superjur u kappillan f'Aleppo. Huwa miet ġewwa Nazaret fit-8 ta' April 1792.

Minn dak iż-żmien il-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa tferrxu f'diversi kunventi u parroċċi fis-Sirja, fosthom il-kunvent u parroċċa ta' San Franġisk f'Azizieh, Aleppo; il-Kulleġġ tat-Terra Santa f'Aleppo; il-kunvent u parroċċa ta' Bab Touma f'Damasku; il-kunvent u parroċċa ta' Sant'Antnin f'Salhieh, Damasku; il-Memorjal tal-Konverżjoni ta' San Pawl f'Tabbaleh, Damasku; il-kappella ta' Sant'Ananija f'Damasku; il-kunvent u parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù fil-port ta' Latakiah; u l-kunventi fl-irħula Kristjani tal-wied tax-Xmara Oronte fi Knayeh (kunvent S. Ġużepp) u Yacoubieh (kunvent Immakulata Kunċizzjoni). Kunvent ieħor qrib ta' Ghassanieh u ċ-ċentru pastorali ta' Jisr al-Chaghour ġew meqrudin waqt il-konflitt u bħalissa huma abbandunati.

F'dawn il-postijiet il-Franġiskani baqgħu viċin l-insara u n-nies, anke Musulmani, li jfittxu l-għajnuna tagħhom u tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa. F'Aleppo l-Franġiskani jgħixu f'sitwazzjoni diffiċli ħafna, fejn jonqos dawl, ilma, u anke ikel. Għalkemm fiż-żona tal-belt ta' Aleppo fejn hemm il-kunvent Franġiskan ma hemmx ribelli, imma xorta waħda jsiru attakki. Ġew milqutin kemm il-knisja parrokkjali ta' San Franġisk, kif ukoll il-Kulleġġ tat-Terra Santa u ċ-ċentru pastorali ta' El-Ram.

F'Damasku l-Franġiskani huma aktar iffortunati, billi hemmhekk għad hemm il-kontroll tal-gvern ċentrali fil-belt kapitali. Il-parroċċi ta' Bab Touma u Salhieh

għadhom jiffunzjonaw, kif ukoll għad hemm il-preżenza fil-Memorjal ta' San Pawl, għalkemm sfortunatament ma hemmx aktar pellegrini f'dan is-santwarju. Sa ftit snin ilu kienu ħafna dawk li kienu jżuru Damasku li tfakkar il-Konverżjoni ta' San Pawl, fosthom diversi gruppi Maltin immexxijin mill-Kummissarju tal-Art Imqaddsa.

L-istess jista' jingħad għall-parroċċa ta' Latakiah. Dan il-port Sirjan hu taħt il-kontroll tal-gvern u hemm bażi militari Russa li jiżguraw ċerta stabilità mill-qawwiet tar-ribelli li jaħdmu fil-muntanji bejn Latakiah u Aleppo. Fil-fatt, l-aktar patrijiet li jinsabu f'periklu huma żewġ patrijiet li jgħixu u jaħdmu fl-irħula Kristjani ta' Knayeh u Yacoubieh. Dawn huma żewġt irħula li huma totalment Kristjani, f'nofs żona Musulmana, imma huma taħt il-kontroll tar-ribelli tal-Front al-Nusra. Dawn ir-ribelli ħatfu lill-Franġiskan Patri Dhiya Aziz darbtejn, sakemm inħeles u irritorna lejn l-Art Imqaddsa. Iż-żewġ Franġiskani attwali, Patri Hanna Jallouf u Patri Luai Bsharat, jgħixu biss ftit kilometri bogħod minn xulxin, imma l-istess komunikazzjoni bejn Knayeh u Yacoubieh hi diffiċli minħabba "check-points" militari tar-ribelli. Imma huma baqgħu hemm jieħdu ħsieb il-ftit insara li fadal, l-aktar anzjani u morda li ma setgħux jaħarbu mill-gwerra. Il-kunvent ta' Yacoubieh ukoll intlaqat f'attakk, imma Patri Luai għadu jgħix fih. L-iskejjel Kristjani spiċċaw u issa tiġi mgħallma biss ir-reliġjon Musulmana u l-liġi Islamika, imma hemm permess li l-insara jitolbu fil-knisja, imma mingħajr immaġini sagri u f'ċerti ħinijiet biss.

Quddiem din is-sitwazzjoni ta' twegħir, il-Franġiskani tal-Art Imqaddsa baqgħu f'posthom fis-Sirja. Bil-kliem tal-Vigarju Apostoliku l-Franġiskan Monsinjur Georges Abu-Khazen, sakemm fis-Sirja jibqa' Kristjan wieħed preżenti l-Franġiskani mhux se jiċċaqalqu minn posthom. L-eroiżmu tal-Franġiskani deher f'mumenti ta' kriżi iebsa, u saħansitra l-ex-Kustodju Patri Pierbattista Pizzaballa u l-Kustodju attwali Patri Francesco Patton marru jżuru lil ħuthom Franġiskani fis-Sirja, b'riskju personali għal ħajjithom.

Minkejja li kulħadd jaf kemm il-kriżi Sirjana hi iebsa, ħtija tal-indifferenza tal-pajjiżi tal-oċċident u ħtija tal-politika ta' dominju tar-Russja u tat-Turkija, dak li jinteressa lill-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa hu li d-dinja tibqa' tisma' l-karba tat-tbatija tan-nies tas-Sirja, insara u mhumiex, li jsofru minn gwerra terribbli li donnha ma hemmx tmiemha. Monsinjur Abu-Khazen appella lill-pajjiżi fl-Ewropa li, jekk iridu jwaqqfu l-mewġ ta' immigrati u rifuġjati Sirjani li ħarbu bid-disperazzjoni minn pajjiżhom, l-unika triq hi li huma jinteressaw ruħhom biex iwaqqfu l-ġlied. Sa ma dan isir il-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa jibqgħu uħud mill-ftit sinjali ta' tama li għad fadal għall-popolazzjoni martorjata tas-Sirja.

## *Il-Bord Editorjali jawgura Milied Qaddis u s-Sena t-Tajba lill-qarrejja kollha*



# PATRI GIROLAMO GOLUBOVICH, L-ISTORIKU TAL-KUSTODJA TAL-ART IMQADDSA (I)

*Noel Muscat ofm*

Patri Girolamo Golubovich ofm (1865-1941), hu bla ebda dubju l-akbar storiku li qatt kellha l-Kustodja tal-Art Imqaddsa. Kien hu li pprovda storja dokumentata u ordnata tal-preżenza Franġiskana fl-Art Imqaddsa mill-bidunett. Barra li kien studjuż u riċerkatur ta' fama internazzjonali, kien ukoll Franġiskan li ħabb l-Ordni u l-istudji Franġiskani fi żmien li fih

naraw il-fjoritura tal-istudji moderni ta' natura xjentifika, l-aktar permezz tal-ħidma tal-Franġiskani tal-*Collegio S. Bonaventura* ta' Quaracchi u wkoll permezz tas-*Società Internazionale di Studi Francescani*, imwaqqfa mill-istudjuż famuż Paul Sabatier.

Dan l-artiklu qiegħed nibbażah fuq l-istudju li għadu kemm ippubblika Paolo Pieraccini, *Padre Girolamo Golubovich (1865-1941). L'attività scientifica, il Diario e altri Documenti inediti tratti dall'Archivio personale (1898-1941)*, Edizioni Terra Santa, Milano 2016 (*Biblioteca Bio-Bibliografica della Terra Santa e dell'Oriente Francescano. Nuova Serie – Documenti,* Tomo XV), pp. 725, partikolarment pp. 47-99. Inkomplu b'sensiela ta' artikli bħal dawn dwar dan l-istoriku insinji tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa.

Id-dħul fil-Kustodja tal-Art Imqaddsa u l-ewwel snin ta' apostolat (1879-1896)

Antonio Golubovich twieled f'Kostantinopli fis-7 ta' Frar 1865. Kif jixhed kunjomu l-ġenituri tiegħu kienu mid-Dalmazja, il-kosta tal-


*Patriarka Latin Vincenzo Bracco*

Kroazja, eżattament mill-belt storika ta' Dubrovnik (Ragusa). Barra li kien jitkellem il-Kroat, mill-ġenituri tgħallem ukoll id-djalett tal-Veneto. Fl-1879 mietlu missieru u ommu, li kienet Terzjarja Franġiskana, ħaditu pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa. Kellu 14-il sena. Tant inġibed lejn l-Orjent li ddeċieda li jibqa' Ġerusalemm.

Fl-1 ta' Ġunju 1879 Antonio daħal fil-Kulleġġ Serafiku ta' Ain Karem u fl-24 ta' Settembru 1881 libes it-tonka Franġiskana u ħa l-isem ta' Girolamo, il-qaddis famuż tad-Dalmazja li ttraduċa l-Iskrittura bil-Latin fil-verżjoni tal-Vulgata. Għamel is-sena tan-novizzjat f'Nazaret. Fl-4 ta' Settembru 1882 għamel il-professjoni sempliċi, u fit-18 ta' Diċembru 1885 għamel il-professjoni solenni fl-Ordni tal-Patrijiet Minuri. Studja l-letteratura u l-filosofija fil-kunvent ta' Betleħem (1882-1885) u t-teoloġija fil-kunvent ta' San Salvatur f'Ġerusalemm (1885-1888).


BIBLIOTECA BIO-BIBLIOGRAFICA
DELLA TERRA SANTA
DELL'ORIENTE FRANCESCANO
NUOVA SERIE — DOCUMENTI
DAL P. GIROLAMO GOLUBOVICH O. F. M.
TOMO XIII
HISTORIA
STUDII LINGUAE ARABICAE ET COLLEGII MISSIONUM
S. PETRI IN URBE
P. ARDUINO KLEINHANS O. F. M.
TOMUS UNICUS
QUARACCHI PRESSO FIRENZE
COLLEGIO DI S. BONAVENTURA

Fit-18 ta' Ġunju 1888 ġie ordnat saċerdot fil-Kajr mill-Vigarju Apostoliku tal-Afrika ċentrali Francesco Sogaro, billi l-Patrijarka Latin Vincenzo Bracco kien jinsab Ruma għall-viżta *ad limina*. Iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni fil-knisja ta' San Salvatur f'Ġerusalemm fid-29 ta' Ġunju.

L-ewwel inkarigu li ngħata kien dak ta' bibljotekarju f'San Salvatur. F'sena waħda rnexxielu jagħni l-bibljoteka b'ħafna volumi u jiftaħha wkoll għall-konsultazzjoni tal-pubbliku. F'Ġunju 1889 intbagħat Limassol f'Ċipru, biex jistudja l-Grieg u t-Tork. Minn hemm ġie trasferit fil-kunvent ta' Larnaca, ftit bogħod fuq l-istess gżira, biex jgħallem it-Taljan u jaħdem fil-parroċċa ta' *Santa Maria delle Grazie*, kif ukoll f'dik tal-belt ta' Paphos. Malajr tgħallem il-Grieg u kien ukoll kapaċi jippriedka, hekk li fl-1891 il-Kustodju Giacomo Ghezzi da Castelmadama talbu jippriedka bil-Grieg fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Billi kellu karattru fokuż, mhux l-ewwel darba li kellu argumenti mas-superjuri tiegħu. Fil-priedki tiegħu f'Larnaca kien attakka lill-membri tal-Mażunerija, hekk li dawn sa bdew jhedduh, u l-Kustodju kellu jittrasferih biex jgħallem it-Taljan fil-Kulleġġ ta' Aleppo fis-Sirja. Imma wara ftit xhur intbagħat f'Lixandra u Port Said bħala arkivista. Fl-1895 reġa' lura f'Ċipru, fil-kunvent ta' Limassol.

Kien f'dawn is-snin (1888-1896) li Girolamo Golubovich wera li kien appassjonat għall-istudji storiċi, l-aktar dwar il-preżenza u r-rakkonti antiki tal-vjaġġi tal-Franġiskani fl-Orjent. Kien jibgħat l-artikli tiegħu lill-istoriku Franġiskan Marcellino Ranise da Civezza biex jippubblikahom fuq ir-rivisti *La Palestina e le rimanenti missioni francescane*, *Le Missioni francescane in Palestina e in altre regioni della terra*, u *Oriente Serafico*.

Għalkemm Golubovich qatt ma ntbagħat għal xi studji speċjalizzati tal-istorja, il-Kustodju Aurelio Briante intebaħ bil-kwalitajiet tiegħu ta' riċerkatur, u f'Ġunju 1896 sejjaħlu Ġerusalemm bħala kronista tal-Kustodja. Kien meta kellu 31 sena li Girolamo Golubovich fl-aħħar ġie rikonoxxut mis-superjuri tiegħu għall-kwalitajiet tiegħu bħala riċerkatur u storiku, bid-destin li jsir


Kustodju Giacomo Ghezzi da Castelmadama

l-akbar storjografu tal-Art Imqaddsa u tal-missjonijiet Franġiskani fl-Orjent.

### Il-*Bibliotheca Franciscana Palestinae ordine chronologico digesta* (1897)

Kien l-istoriku Marcellino da Civezza, awtur tal-volumi monumentali *Storia universale delle Missioni francescane*, 11-il volum ippubblikati bejn l-1857 u l-1895, li ħeġġeġ lil Golubovich biex jieħu ħsieb ġabra ta' dokumenti dwar l-istorja tal-missjonijiet Franġiskani fil-Palestina miġbura f'ordni kronoloġiku. Golubovich waħdu kien diġà ikkollezzjona 360 titlu ta' opri ta' "Franġiskani palestinografi", u talab lill-patrijiet ifornuh b'oħrajn li kienu jafu bihom. Ried jiġbor fl-opra l-kitbiet kollha tal-missjunarji tal-Art Imqaddsa bl-Għarbi, Tork, Grieg, Armen u ilsna oħrajn orjentali. Dan kien għadu biss proġett inizjali, li mbagħad kellu jsib il-quċċata tiegħu fil-*Biblioteca bio-bibliografica della Terra Santa e dell'Oriente francescano*.

Sadanittant, iżda, Golubovich ġie msejjaħ għall-*Esposizione nazionale* ta' Turin fl-1898, inizjattiva tal-arkeologu Ernesto Schiaparelli, fundatur tal-*Associazione Nazionale per Soccorrere i Missionari Cattolici Italiani* (ANSMI). Hu talab lil diversi responsabbli ta' kongregazzjonijiet reliġjużi f'artijiet tal-missjoni biex jibgħatulu studji tagħhom dwar il-ħidma missjunarja fit-territorju li fih kienu joperaw.

Il-Kustodju Aurelio Briante allura ddeċieda li jqabbad lil Golubovich biex joħloq sintesi ta' seba' sekli ta' storja Franġiskana fl-Orjent. Bagħtu l-Italja biex jitkellem dwar l-opra missjnarja tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa u jippreżenta l-istudju li kien għadu kif lesta. Iż-żmien li fih dam l-Italja għen lil Golubovich mhux biss biex isir jaf personalitajiet importanti li kienu esperti dwar il-kwestjoni tal-Postijiet Qaddisa, imma wkoll biex jiltaqa' ma' studjużi kbar fil-kamp Franġiskan, bħalma kienu Michele Faloci Pulignani, fundatur tar-rivista *Miscellanea Francescana*, u l-istoriku Protestant Paul Sabatier. Bis-saħħa ta' ittri ta' ubbidjenza speċjali mogħtija lilu mill-Kurja Ġenerali tal-Ordni tal-Patrijiet Minuri, Patri Golubovich ġie awtorizzat biex jagħmel riċerki speċjali f'ħafna bibljoteki importanti fl-Italja.

L-*Esposizione nazionale di Torino* tal-1898 kellha l-iskop li tferrex l-interess fl-"italianità" tal-missjonijiet ta' diversi reliġjużi fl-Orjent, inkluża l-Art Imqaddsa. Kien żmien ta' tensjoni



*Ernesto Schiaparelli*

kbira bejn l-interessi espansjonistiċi u kolonjali tal-Italja u l-insistenza tal-Kongregazzjoni *Propaganda Fide* biex Franza tibqa' l-protettriċi uffiċjali tas-Santa Sede fl-interessi tagħha fl-Orjent. Ir-rwol ta' Golubovich waqt din l-Esposizzjoni ta' Turin kien li juri kemm il-ħidma tal-Franġiskani tal-Art Imqaddsa kienet qed tgħin biex l-Italja tkabbar l-influwenza tagħha fl-Orjent permezz tal-missjunarji tagħha. L-ANSMI ċertament kellha għax tifraħ li l-iskop li għalih kienet ġiet imwaqqfa, jiġifieri li toħloq istituzzjonijiet ta' edukazzjoni u karità fl-Orjent kollha kemm huma Taljani, issa beda jintlaħaq.

### Is-*Serie cronologica dei Reverendissimi Superiori di Terra Santa*

Malli wasal Ruma fl-1898 Golubovich ippreżenta lill-Ministru Ġeneral Aloisius Lauer bil-volum li kien ordnalu jaħdem


*Tommaso da Celano l-ewwel biografu ta' San Franġisk*

fuqu l-Kustodju Briante. Fl-istudju tiegħu kien inkluda t-traduzzjoni ta' diversi *hogget*, jew *firmani* li akkwistaw il-Franġiskani tal-Art Imqaddsa, mill-Għarbi għat-Taljan. Il-volum kien intitolat *Serie cronologica dei Reverendissimi Superiori di Terra Santa (1219-1898)*, u kien jinkludi serje ta' 233 superjur fil-gvern tal-Kustodja, ibda minn fra Elia, li kien bagħtu San Franġisk fl-Orjent (1219). Il-volum fih lista ta' firmani li ġew mogħtijin mill-awtoritajiet ċivili ta' Ġerusalemm favur il-Franġiskani. Jibdew mill-ewwel firman, dak ta' Lulju 1309, li ma jagħtix permess lil xi ordnijiet oħrajn reliġjużi ħlief lill-Franġiskani biex joqogħdu fuq il-Għolja ta' Sijon (Ċenaklu), fil-Qabar ta' Kristu u f'Betleħem. L-aħħar firman hu dak tal-1472, li jagħti lill-Franġiskani xi drittijiet partikulari fis-santwarji. It-traduzzjoni mill-Għarbi saret minn xi kollaboraturi ta' Patri Golubovich. Din l-opra, għalkemm ma kinitx twieġeb b'mod sħiħ għal dak li kien talab il-Kustodju Briante, kienet timmarka punt solidu li minnu Golubovich telaq biex jagħmel riċerki arkeoloġiċi metodoloġiċi. Is-suċċess li qajjem dan il-volum wassal lil Marcellino da Civezza biex jaħseb f'Golubovich bħala s-suċċessur tiegħu fir-riċerka dwar il-missjonijiet Franġiskani fl-Orjent. L-awtoritajiet tal-Ordni ordnaw lil Golubovich biex jibqa' Ruma u joffri l-kontribut xjentifiku tiegħu fil-kwestjoni tal-istorja bejn Franġiskani Osservanti u Riformati għall-gvern tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa.

## Golubovich, Sabatier u l-*Questione Francescana*

L-istudjuż Protestant Paul Sabatier kien wera interess partikulari fis-*Serie cronologica* u r-riċerka xjentifika ta' Golubovich. Hu kien għadu kemm ippubblika l-i*Speculum Perfectionis*, li bih kellha tqum polemika sħiħa fl-istudji Franġiskani. Min-naħa ta' ċirkoli tradizzjonalisti x-xogħol ta' Sabatier kien meqjus b'suspett. Golubovich, iżda, inġibed lejn dan l-istudjuż li kien ħareġ edizzjoni ta' din il-biografija. Xi ftit tas-snin wara Golubovich kellu jsir hu wkoll wieħed mill-aktar studjużi prestiġġjużi tal-Fonti Franġiskani u kellu jibda jidderieġi perjodiku Franġiskan li kien iddedikat għall-*Questione Francescana*.

Kien fl-1893 li Paul Sabatier kien ippublika l-*Vie de Saint François d'Assise*, li sa l-edizzjoni definittiva postuma tal-1931 ġiet stampata erbgħin darba. It-teżi ta' Sabatier kienet li

l-veru San Franġisk joħroġ mhux fil-biografiji uffiċjali ta' Tommaso da Celano u San Bonaventura, imma fil-*Leggenda dei Tre Compagni* mill-kitbiet ta' sħab San Franġisk. Hu pinġa lil San Franġisk bħala qaddis li ried jirriforma l-Knisja, imma li l-ideal evanġeliku tiegħu ġie "istituzzjonalizzat" mill-ġerarkija Kattolika, li ppreferiet toħloq mill-fraternità tiegħu Ordni reliġjuż uffiċjali li jaqdi l-interessi tagħha, kif ġara b'mod speċjali taħt il-ġeneralat ta' San Bonaventura (1257-1274).

Naturalment ir-reazzjoni tal-Kattoliċi tradizzjonali kienet waħda iebsa kontra Sabatier. Ir-Rivista *Civiltà Cattolica* kellha kliem iebes kontra l-istudjuż Protestant, għax dehrilha li hu ried ipinġi lil San Franġisk bħala xi Luteru ieħor li kien kontra l-ġerarkija Kattolika. Fit-8 ta' Ġunju 1894 il-Kongregazzjoni tal-Indiċi poġġiet il-*Vie de Saint François d'Assise* fil-lista ta' kotba projbiti għall-Kattoliċi. Kienet ħaġa naturali li l-projbizzjoni ġabet l-effett kuntrarju, u l-opra ta' Sabatier ġiet tradotta u mxerrda mal-pajjiżi kollha tal-Ewropa.

Ir-relazzjonijiet bejn Golubovich u Sabatier kienu tajbin ħafna. Sa mill-1898 nassistu għal korrispondenza kontinwa bejn iż-żewġ studjużi, hekk li Sabatier sa wasal li bagħat bħala rigal lil Golubovich il-volumi tal-i*Speculum Perfectionis*, li għadu mħares fil-biblioteka tal-kunvent ta' San Salvatur, Ġerusalemm, b'nota tal-istess Sabatier. Dan ifisser li Golubovich kien wieħed minn dawk l-istudjużi "moderni" li kienu nġibdu lejn il-metodu storiku-kritiku li kien qed jintuża minn diversi oqsma tal-istudju bibliku u storiku, imma li sfortunatament kien għadu meqjus b'suspett mill-awtorità tal-Knisja.

Ir-relazzjoni ta' Sabatier mal-Franġiskani li kellhom x'jaqsmu mal-Art Imqaddsa kienet waħda kordjali ħafna. Barra milli ma' Golubovich, Sabatier kellu relazzjoni epistolari ma' Frediano Giannini, li sar Kustodju tal-Art Imqaddsa bejn l-1900 u l-1905, u ma' Roberto Razzoli, suċċessur ta' Giannini fil-Kustodjat, li introduċa lil Sabatier fil-bibljoteka tal-kunvent ta' Ognissanti ġewwa Firenze, fejn l-istudjuż Protestant kellu jiskopri manuskritt tal-i*Speculum Pefectionis* li hu iddatah, imma bi żball, għall-1228, meta fil-fatt kien tal-1318. Kien l-okkażjoni ta' polemika iebsa bejn l-istudjużi tal-istorja Franġiskana.

Il-proġett tal-pubblikazzjoni tal-Firmani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa

Il-Ministru Ġeneral Aloisius Lauer ried li Golubovich jibqa' Ruma fl-1898 biex jgħallem il-Grieg u l-istorja ekkleżjastika fil-Kulleġġ ta' Sant'Antnin. Imma l-Kustodju ma qabilx u kiteb lil Lauer biex lil Golubovich iħallih jirritorna Ġerusalemm biex jaħdem fl-Arkivju Kustodjali fuq dokumenti bl-Għarbi li hu kien espert tagħhom. Il-Ġeneral tah permess u Golubovich irritorna Ġerusalemm fit-3 ta' April 1899.

Golubovich ippreżenta lill-Kustodju u lid-Diskreti tal-Art Imqaddsa bi proġett kuraġġuż. Hu qalilhom li kienu ġew ippubblikati xi firmani Għarab li nstabu fl-arkivju nazzjonali ta' Franza u fl-*Archivio di Stato* ta' Firenze, li fihom kien hemm xi firmani u ittri tas-slaten tal-Eġittu. Imma hu kien jaf li fl-Arkivju tal-Kustodja kien hemm teżor minn dawn il-firmani bit-Tork u bl-Għarbi, u għaldaqstant uriehom li proġett bħal dan kellu jkun ta' ġieħ kbir għall-istudju tal-istorja tal-Kustodja. Kien hemm intopp fil-fatt li dawn il-firmani kienu qed jinżammu u jitħarsu fl-Arkivju mill-Prokuratur tal-Kustodja, li kien ikun patri Spanjol, imma l-Kongregazzjoni *Propaganda Fide* ordnat li l-patrijiet Spanjoli ma setgħux iżjed jippretendu li l-Arkivju tal-Prokura jkun proprjetà esklużiva tagħhom, imma riedu jeħduh fl-Arkivju Kustodjali biex studjużi jkunu jistgħu jikkonsultawh.



*Ludovico Ciganotto da Motta di Livenza*

Sfortunatament, fl-istess sena tqajmet kwestjoni fil-Kustodja, bejn grupp ta' patrijiet li kienu ġejjin minn pajjiżi Ewropej u kienu fis-servizz tal-Kustodja u l-grupp ta' patrijiet, hekk imsejħin, *figli della Custodia*, jiġifieri li kienu daħlu proprju fil-Kustodja tal-Art Imqaddsa, u li kienu patrijiet indiġeni, Għarab, jew ukoll Ewropej li kienu jappartjenu għall-istess Kustodja. Fil-kwestjoni ddaħħal il-kollaboratur ta' Golubovich, Patri Leone Pourrière. Il-ħtija tal-polemika kien Patri Ludovico Ciganotto da Motta di Livenza. Billi Golubovich ipprotesta u daħal fil-kwestjoni minħabba Pourrière, u sa wasal li flimkien ma' xi patrijiet, fosthom Patri Giuseppe Vella, Missjunarju Apostoliku minn Malta, għamel rikors lill-Ministru Ġeneral, il-Kustodju fl-aħħar iddeċieda li jibgħat lil Patri Ciganotto mill-Kustodja, imma miegħu kellu jitlob ukoll li jitlaq Golubovich u Pourrière. Kienet ħasra, għax il-Kustodja tilfet dawn iż-żewġ studjużi li kellhom f'moħħhom proġett importanti.

L-ordni tat-trasferiment immedjat wasal fit-23 ta' Ġunju 1899. Leone Pourrière ntbagħat Ruma, Girolamo Golubovich mar Venezia, u Ludovico da Motta ġie eżiljat Malta, fejn dam diversi xhur sa ma reġa' lura fl-Art Imqaddsa. Minkejja l-kwestjoni l-Kustodju baqa' juri rispett kbir kemm lejn Pourrière, li indikah bħala professur tal-istorja fil-Kulleġġ ta' Sant'Antnin f'Ruma, kif ukoll lejn Golubovich, li kien jittama li issa jkompli r-riċerka tiegħu f'Venezia.

Daħal fil-kwestjoni wkoll il-Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm, li kien Franġiskan, Ludovico Piavi. Dan kien iddispjaċih b'dak li ġara, u li ġew imneħħijin Golubovich u Pourrière minn Ġerusalemm, l-aktar għax dan tal-aħħar kien kappillan u naturalment taħt id-dipendenza tal-Patrijarka Latin. Imma għaraf li kienu rashom sħuna u li komplew qajmu problemi ta' firda fost il-patrijiet.

Riċerka storika fl-Italja

Fis-6 ta' Lulju 1899 Golubovich telaq minn Ġerusalemm u mar Venezia. Hemmhekk hu għadda żmien jistudja fl-*Archivio di Stato*, dak tal-*Frari* (Franġiskani) u fil-biblioteka Marciana. L-iskop tiegħu kien li jagħmel riċerka fl-Italja u wkoll f'pajjiżi oħrajn, biex imbagħad jirritorna Ġerusalemm, "biex ningħata għat-traduzzjoni tal-Firmani u dokumenti oħrajn tal-Prokura."

Fil-bidu tal-1900 ir-riċerka tiegħu ħadet lil Golubovich fil-famuża *Biblioteca Ambrosiana* ta' Milan, fejn sar jaf lill-viċi-rettur tal-biblioteka, Don Achille Ratti, li kellu jkun il-futur Papa Piju XI. Fi Frar tal-istess sena nsibu lil Golubovich fil-*Collegio S. Bonaventura ad Claras Aquas* ta' Quaracchi (Firenze). Dan iċ-ċentru prestiġjuż ta' studji kien twaqqaf fl-1877 mill-Ministru Ġeneral Bernardino dal Vago da Portogruaro (1869-1889), bl-iskop li fih issir l-edizzjoni kritika tal-opri ta' San Bonaventura. Minn Firenze Golubovich kompla r-riċerka tiegħu fl-Umbria.

## It-*Trattato di Terra Santa e dell'Oriente* ta' Francesco Suriano (1900)

Golubovich kellu xewqa kbira li jmur Perugia biex jistudja manuskritt li kien



*Patrijarka Latin Ludovico Piavi*

fih it-*Trattato di Terra Santa e dell'Oriente*, xogħol ta' Francesco Suriano. Wasal Perugia fis-17 ta' Frar 1900 u sab żewġ redazzjonijiet diversi ta' dan id-dokument, waħda tal-1485 u l-oħra tal-1514. Sat-13 ta' Marzu kien lesta t-traskrizzjoni ta' din l-opra. Il-Kustodju Giannini talab lil Golubovich biex imur ukoll jikkonsulta ruħu mal-istudjużi Franġiskani Dominichelli u Marcellino da Civezza. Il-konfront maż-żewġ studjużi kkonvinċih li kellu jistampa l-edizzjoni tal-1514. Fl-istess sena Golubovich ippubblika t-*Trattato di Terra Santa e dell'Oriente di frate Francesco Suriano, missionario e viaggiatore del secolo XV (Siria, Palestina, Arabia, Egitto, Abissinia)*.

L-opra ta' Golubovich laqgħet it-tifħir ta' diversi studjużi, fosthom il-Bollandisti u Paul Sabatier. L-uniku difett li kellha kienu xi żbalji tat-tipografija u l-fatt li Golubovich ikkritika lil Suriano meta dan tkellem b'toni ta' dubji kbar dwar l-awtentiċità tas-santwarju tal-Madonna ta' Loreto fir-relazzjoni tiegħu mas-santwarju ta' Nazaret. Golubovich iddefenda s-santwarju ta' Loreto b'toni li ma tantx għoġbu lil xi studjużi li dehrilhom li ma kienx hemm għalfejn jidħol f'polemika bħal dik.

Wara li temm din il-ħidma tiegħu, Golubovich kompla jagħmel riċeriki f'Venezia,


*Paul Dieudonné Armand Sabatier*

Vercelli u Novara. Il-Ministru Ġeneral Lauer inkoraġġih biex ikompli jagħmel ir-riċerka u biex jirritorna fil-Kustodja b'ton aktar konċiljattiv minn kif kien mar l-ewwel darba. Wara li għamel sistemazzjoni tal-materjal dokumentarju tar-riċerka, Golubovich mar Firenze, Lucca, Pistoia u Quaracchi. Mar jiltaqa' mal-Ġeneral Lauer f'Ruma fl-4 ta' Jannar, imma meta dan stiednu biex imur jikkollabora mar-riċerkaturi fi Quaracchi, Golubovich ċaħad l-offerta. Fil-Kurja tal-Ordni sar jaf lil Leonhard Lemmens (1864-1929), wieħed mill-aqwa storiċi tal-Ordni f'dik l-epoka. Minn Ruma Golubovich għadda biex ikompli r-riċerka tiegħu f'Napli u fi Sqallija. F'Napli skopra żewġ kodiċijiet importanti ta' storja Franġiskana li tahom lil Lemmens biex jagħmel l-edizzjoni kritika tagħhom: il-kronaka ta' Bernardino dall'Aquila fuq l-ewwel seklu tal-Osservanza u relazzjoni sħiħa dwar ir-rebħa kontra t-Torok ta' San Ġwann minn Capistrano taħt is-swar ta' Belgrade, miktuba minn sieħeb il-qaddis, Giovanni da Tagliacozzo.

## Aktar dwar il-*Bibliotheca Franciscana Palestinae ordine chronologico digesta*

Mill-ewwel kien jidher li l-*Bibliotheca Franciscana*


Girolamo Golubovich

dwar l-Art Imqaddsa u l-Orjent Franġiskan. Giannini kellu fiduċja f'Golubovich, imma billi kien studjuż hu wkoll ried jara x-xogħol qabel jagħti permess għall-pubblikazzjoni. Golubovich wieġeb li kien diffiċli jibgħat Ġerusalemm diversi pakki ta' 200 paġna kull wieħed li kien fihom dokumenti tas-sekli 13-19. Golubovich qallu li dan il-volum enormi ta' materjal dokumentarju kien għadu mhux f'ordni, u kellu bżonn li jagħmel edizzjoni kritika tiegħu. Kien jinkludi dokumenti dwar superjuri tal-Art Imqaddsa, kunventi, santwarji, dokumenti, korrispondenza, brevi papali u xi itinerarju ineditu. It-tweġiba ta' Golubovich donnha kienet se tikkonvinċi lill-Kustodju biex jagħtih ċans itemm ix-xogħol u jlestih għall-pubblikazzjoni.

*Palestinae* kienet biss bidu ta' proġett ambizzjuż ta' Golubovich. Hu stess kiteb: "Wara li ili sena ndur il-biblioteki ewlenin tal-Italja bl-iskop ta' riċerka u studju dwar l-apostolat meraviljuż Franġiskan fl-Art Imqaddsa u fl-Orjent ... għalija hu għażiż li ninduna bil-kwantità enormi ta' dokumenti mxerrdin 'il hawn u 'l hinn fid-diversi biblioteki li fittixt fihom, u nuri s-sodisfazzjon kbir tiegħi għar-riżultati li sa issa ksibt. Aktar tard, jekk Alla jrid, din il-ġabra ta' dokumenti u ta' tifkiriet li ħadd ma jaf bihom għad idawlu l-għemejjel ta' folol ta' Franġiskani, li għall-ħeġġa ta' Missjunarji kienu dejjem jgħaqqdu dik tal-appostli taċ-ċiviltà u tax-xjenza."

F'Settembru 1901 Golubovich kien avża lill-Kustodju Giannini li kien qiegħed ipoġġi f'ordni diversi noti u manuskritti. F'Mejju 1902 wera lil Giannini x'kien il-proġett tiegħu: dak li jippubblika *Biblioteca bio-bibliografica*

## L-*Ichonographiae locorum et monumentorum veterum Terrae Sanctae* (1902)

Imma sadanittant daħlu żewġ mumenti oħrajn fl-istorja ta' Golubovich: l-iskoperta ta' dokument importanti u l-perjodu ta' missjoni li għadda f'Kostantinopli. Fir-rebbiegħa tal-1902 Golubovich qala' permess biex jagħmel riċerka fl-Arkivju prestiġjuż tal-Kulleġġ Irlandiż ta' *Saint Isidore* f'Ruma, imwaqqaf

fl-1625 mill-istoriku Franġiskan Irlandiż Luke Wadding. Hemmhekk Golubovich studja l-inkartamenti tal-arkivju li kienu nġabru minn Wadding meta beda jippubblika l-*Annales Minorum*. Din ukoll kienet skoperta li Golubovich kellu jaħdem fuqha aktar tard. Waqt perjodu ieħor ta' riċerka fil-Biblioteka Vatikana, nhar l-24 ta' April Golubovich iltaqa' ma' kodiċi awtografu interessanti (manuskritt latin n. 9233). L-awtur tiegħu kien il-Franġiskan Elzeario Horn, li kien żied miegħu disinji mill-isbaħ meta hu kien missjunarju fl-Art Imqaddsa bejn l-1725 u l-1744, fuq il-mudell tal-opra ta' Quaresmio. Id-disinji kienu interessanti ferm, għax per eżempju kienu juru kif kienet l-Edikola tal-Qabar ta' Kristu qabel ma ġiet mibdula fl-1808 mill-Griegi Ortodossi. Golubovich mill-ewwel avża b'din l-iskoperta lill-vigarju ġenerali tal-Ordni David Fleming (1901-1903) u lill-Kustodju Frediano Giannini. Ma damx ma qala' permess u finanzjamenti biex jittieħdu ritratti minn esperti tad-dokument, u biex joħroġ edizzjoni kritika tiegħu. B'hekk, f'Ottubru 1902 Golubovich irnexxielu joħroġ l-opra *Ichonographie locorum et monumentorum veterum Terrae Sanctae accurate delineatae et descriptae a P. Elzeario Horn Ordnis Minorum Provinciae Thuringiae (1725-1744).*

Fl-introduzzjoni u n-nota tal-opra tiegħu Golubovich wera antagoniżmu partikulari kontra l-monaċi Griegi Ortodossi, li sa wasal li sejħilhom "psewdo-Kristjani" li kellhom għira u urew "ostilità vjolenta kontra l-Latini." Kien żmien diffiċli fir-relazzjoni bejn il-Franġiskani tal-Art Imqaddsa u l-monaċi Griegi Ortodossi. Biżżejjed insemmu li fl-4 ta' Novembru 1901 il-Franġiskani sfaw vittmi ta' attakk ikrah kontrihom mill-monaċi Griegi, meta dawn ma ħallewx lis-sagristan, li kien il-Malti Fra Elija Grech († 3 ta' Novembru 1951), jiknes it-taraġ tal-Kappella tal-Franki fil-pjazza ta' quddiem il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, u ferew diversi patrijiet li ġew jiddefenduh billi waddbulhom il-ġebel u ż-żejt jagħli!

Golubovich missjunarju f'Kostantinopli (Ottubru 1902 – Frar 1904)

Fis-7 ta' Ottubru David Fleming iddeċieda li jibgħat lil Golubovich f'Kostantinopli bħala vigarju ta' Adriano Ridolfi



*Kappella tal-Franki*

da Pesaro, superjur ta' din il-missjoni Franġiskana li kienet parti mill-Kustodja tal-Art Imqaddsa, fil-kunvent ta' *Santa Maria in Draperis*. Golubovich ma tantx ħa pjaċir b'din il-ħatra, għax din kienet tfisser li hu kien se jinqata' mix-xogħol tiegħu ta' riċerka u mill-proġetti li kellu. Għalkemm f'Kostantinopli Golubovich kellu jiddedika ħinu biex jgħallem il-Grieg lill-missjunarji, hu xorta waħda stinka biex isib ħin ikompli l-ħolma tiegħu biex joħroġ il-*Bibliografia*. Kemm dam Kostantinopli Golubovich ippubblika dokumenti dwar il-missjoni Franġiskana ta' din il-belt importanti. Bil-karattru skontruż tiegħu kellu mumenti ta' diffikultà fir-relazzjoni tiegħu mas-superjur Ridolfi. Għaldaqstant talab b'insistenza li jerġgħu jibgħatuh jew fl-Art Imqaddsa jew fl-Italja, biex ikompli r-riċerki tiegħu.

Fl-aħħar ġietu idea brillanti. Talab lill-Ministru Ġeneral Dionysius Schüler (1903-1911) biex jibagħtu l-Kulleġġ ta' Quaracchi. Kien iffortunat li qala' malajr il-permess biex imur hemm u jiddedika ħinu għall-istudju u r-riċerka storika. Hekk nhar id-19 ta' Frar 1904 Golubovich ħalla Kostantinopli u mar lejn Firenze billi għadda minn Budapest u Venezia, dejjem jieħu kull opportunità li jieqaf fil-biblioteki u jagħmel riċerka.

## Fil-Kulleġġ ta' San Bonaventura fi Quaracchi

Golubovich wasal Quaracchi fit-13 ta' Marzu 1904, fejn iltaqa' mal-ħabib tiegħu Leonhard Lemmens, president tal-Kulleġġ u prefett tal-istudji (1903-1906). Kien żmien ta' entużjażmu bl-edizzjonijiet kritiċi tal-Kitbiet ta' San Franġisk, ikkurati minn Lemmens innifsu u minn Boehmer, kif ukoll bit-twaqqif tas-*Società Internazionale di Studi Francescani* bil-ħila ta' Paul Sabatier. Lemmens talab lil Golubovich jikkontrolla l-kodiċijiet tas-*Summa theologica* ta' Alexander of Hales u l-edizzjoni tad-*De conformitate vitae beati Francisci ad vitam Domini Iesu* ta' Bartolomeo da Pisa.

Fil-proġett ta' pubblikazzjonijiet tal-Kulleġġ ta' Quaracchi kien hemm il-*Bibliotheca Franciscana Ascetica Medii Aevi* u l-*Bibliotheca Franciscana Scholastica Medii Aevi*. Golubovich kien tal-fehma li magħhom setgħet tidħol ukoll il-ħolma tiegħu, jiġifieri l-*Biblioteca bio-bibliografica della Terra Santa e dell'Oriente francescano*, enċiklopedija ta' dokumenti inediti mill-bidunett tal-preżenza Franġiskana fl-Orjent sas-seklu 19.

Fit-23 ta' Ottubru 1904 il-Ġeneral Schüler ta l-permess lil Golubovich biex jibda jistampa l-ewwel volum ta' din il-kollana. Il-Kustodju Giannini talab stima tal-ispiża u ried li l-volum jiġi stampat Ġerusalemm, biex jipprovdi xogħol għall-istamperija tal-Kustodja f'San Salvatur. Il-Ministru Ġeneral ma riedx jikkontradixxi x-xewqa tal-Kustodju, imma stenna sa ma dan sar vigarju u delegat apostoliku fl-Eġittu, u meta laħaq president kustodjali Filippo Ricci, il-Ġeneral ordna li l-opra tiġi ppubblikata fl-istamperija tal-Kulleġġ ta' Quaracchi. Il-volum ġie stampat fl-1906, imma mhux mingħajr diffikultajiet, għax din id-darba Golubovich daħal f'nuqqas ta' qbil anke ma' Lemmens, u kellu jitlaq għal xi żmien mill-Kulleġġ u jmur fil-kunvent ta' Ognissanti ġewwa Firenze. Imma wara dan it-taħbit kollu, nhar it-30 ta' Settembru 1906, ħareġ l-ewwel volum tal-*Biblioteca bio-biografica della Terra Santa e dell'Oriente Francescano*.



# IL-FAQAR U L-FOQRA TAL-MULEJ FIL-BIBBJA

*Fr Charles Buttigieg*

*"Imberkin dawk li huma foqra f'qalbhom, għax għalihom hi s-saltna tas-smewwiet"*

*(Mattew 5:3)*

## Il-Foqra u Dawk ta' qalb umli

Fl-Ebrajk insibu bosta kliem li jfissru l-kelma 'faqar', fost dawn insibu: *ebhyon*, *dal*, *rush*, *chelekhah*. Fil-Grieg insibu l-kelma *ptochoi* għall-foqra. Insibu ukoll fl-Ebrajk il-kelma *anaw*, plural *anawim*, li ġejja mill-verb *anah*, li jfisser 'tgħawweġ 'il isfel' jew 'titgħawweġ', għaliex dawk li huma fqar u batuti minħabba s-sewwa huma tassew qaddejja umli ta' Alla, jitbaxxew quddiem il-kobor ta' Alla (ara Num 12,3). Għalhekk l-*anawim* huma dawk il-fqar li jbatu u jitolbu b'qalb umli, u huma msejħa fl-Antik Testment bħala 'il-foqra ta' Jaħweh': "il-fqir jidher bħala l-ħabib u l-qaddej ta' Jaħweh" (Salm 86:1). L-idea kienet mela li l-għani mhux inklinat li jirrikorri għand Alla għax ma jonqsu xejn, waqt li l-fqir maħqur iħares lejn Alla. Ta' min isemmi li t-terminu għall-faqar *ani* hu l-aktar frekwenti fl-Antik Testemnt fejn insibuh 92 darba, l-aktar fis-salmi fejn jintuża 41 darba. *Ebjon* insibuh 62 darba, *dal* 48 darba, *rush* 21 darba u *anaw* 19-il darba. Naraw fuq kollox il-faqar bħala konsegwenza tal-inġustizzja li ssir minn min hu sinjur u għalhekk il-Kodiċi tal-Alleanza (Es 20,22-23,33) jagħmel minn kollox biex jiddefendi u jaqbeż għall-batut (ara ukoll Salm 73; Ġob 21 u Mal 3).

## Il-Fqar tal-Mulej

L-għażla tal-poplu Lhudi ġej mill-fatt li Alla ħenn għal dan il-poplu li kien imjassar fl-Eġittu: "Għax qatt ma jonqos xi ħadd fil-bżonn fil-pajjiż; għalhekk jien nordnalek u ngħidlek: Iftaħ idejk sewwa lil ħuk, lill-fqir u lill-miskin f'artek." (Dewt 15:11, ara Eżodu 3:8). Iżda din it-tama tal-Mulej fl-Eġittu tmur lura fiż-żmien meta qabel Alla kien għamel diversi pattijiet mal-Patrijarki: Abraham, Iżakk u Ġakobb kif naqraw f'Rumani 4:18 : « Meta ma kellu ebda tama, Abraham ittama u emmen, u hekk sar missier ta' kotra kbira ta' ġnus, skont ma kien intqal



lilu ». L-istorja ta' Ġużeppi tal-Antik Testment, hija ukoll ikona ta' dan il-faqar tal-Mulej. Ġużeppi mibjugħ minn ħutu, jispicca fil-faqar tal-ħabs tal-Farun, jinterpreta l-ħolm, isir vici-re tal-Eġittu u jsir tama għal ħutu meta dawn ġew biex jixtru l-qamħ minn għandu. Ħutu neħħewlu qabel it-tama tal-ħajja libera u issa hu jagħtihom mill-ġdid it-tama għall-ħajja.

Anke Mosè hu mudell ta' dan il-faqar tal-Mulej; il-bniedem li jtemtem sar tama għall-poplu ta' Iżrael: "Mosè kien bniedem umli, l-aktar umli fost il-bnedmin li hawn fuq wiċċ l-art" (Numri 12:3).

Ikona oħra tal-bniedem b'qalb umli u fqir fl-ispirtu huwa Ġob, il-bniedem sfortunat imma li baqa' jittama f'Alla. Tama li narawha dejjem tidwi fil-messaġġ ta' Alla lill-poplu fuq kollox permezz tal-profeti. Insemmu l-esperjenza ta' Ġeremija ppersegwitat minn sħabu. Ġona li jsir tama għall-belt ta' Ninive. Il-profeta Isaija jwassal dan il-messaġġ ta' tama lill-fqajrin tal-Mulej: " … u l-imsejknin jifirħu fil-Mulej, u l-fqajrin fost il-bnedmin jaqbżu bil-ferħ bil-Qaddis ta' Iżrael" (Isaija 29:19); u "L-Ispirtu tal-Mulej fuqi; għaliex hu kkonsagrani biex inwassal il-Bxara t-Tajba lill-fqajrin. Bgħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin u d-dawl mill-ġdid lill-għomja. Inrodd



il-ħelsien lill-maħqurin u nxandar sena tal-grazzja tal-Mulej" (Isaija 61:1-2). Dan il-kliem jgħidu Ġesù nnifsu fis-sinagoga ta' Nazaret wara li qara din is-silta ta' Isaija kif naqraw f'Luqa 4:18. Infatti eżattament wara dan l-episodju Ġesù ħeles lil wieħed imxajtan u fejjaq omm il-mara ta' Pietru.

Is-salmi wkoll juruna dan l-aspett tat-tama tal-imsejken, fejn fost oħrajn insibu s-Salm 10:12: "Qum, Mulej! Erfa' idek, O Alla! La tinsihomx lill-imsejknin"; is-Salm 22:27: "Jieklu l-fqajrin u jixbgħu; ifaħħru lill-Mulej dawk li jfittxuh"; u s-Salm 149:4 "Għax il-Mulej jitgħaxxaq bil-poplu tiegħu, u jsebbaħ lill-fqajrin bir-rebħa".

## Ġesù u l-Faqar fl-Ispirtu

Ġesù fil-ħajja tiegħu għażel il-faqar, iċċekken, sar bniedem bħalna f'kollox minbarra d-dnub. Ġesù twieled fqir, għex fqir, ħajja pubblika fil-faqar u miet ta' fqir, il-mewt tas-salib. Ġesù jitlob mis-segwaċi tiegħu ċaħda mill-affarijiet temporali biex jirċievu l-vera għana. Frażi ċara ħafna li turi lil Ġesù jistieden sabiex ngħixu dan it-tip ta' faqar, hu meta Ġesù stess jgħid f'Mattew 11:29:

"Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni, għaliex jiena ta' qalb ħelwa u umli, u intom issibu l-mistrieħ għal ruħkom". Dan il-kliem Ġesù qalu, wara li xi dixxipli ta' Ġwanni l-Battista li kien fil-ħabs bdew isaqsu dwar Ġesù, kif insibu f'Mattew 11:5 u Luqa 7:18-23: "Morru agħtu lil Ġwanni l-aħbar ta' dak li rajtu u smajtu: kif il-għomja qegħdin jerġgħu jaraw, iz-zopop jimxu, l-imġiddmin ifiequ, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu u kif il-Bxara t-Tajba qiegħda tixxandar lill-fqar. Hieni hu min ma jitfixkilx minħabba fija". Ġesù ma kienx mela xi Messija politiku iżda Messija fqir, umli u manswet kif iħobb jgħallem il-Qaddis San Ġorġ Preca.

Il-predikazzjoni u l-mirakli ta' Ġesù huma mela marbuta ma' dan l-aspett tat-tama: "Bigħu ġidkom u agħtuh karità, u fittxu għalikom infuskom boroż li ma jitmermrux, teżor li ma jiġix nieqes fis-sema… " (Lq 12 :33) ; " … mur, biegħ li għandek u agħtih lill-foqra " (Lq 18:22) ; "X'ħin niżel l-art mid-dgħajsa ra kotra kbira ta' nies u tħassarhom għax kien qishom nagħaġ bla ma għandhom ragħaj, u qabad igħallimhom ħafna ħwejjeġ." (Mark 6:34). Id-dixxiplu fuq kollox għandu jgħix dan il-faqar (ara Lq 14, 33 u Num 18, 20).

Ma ninsewx imbagħad id-diskors tal-Muntanja: "Imberkin dawk li huma foqra f'qalbhom, għax għalihom hi s-saltna tas-smewwiet." (Mt 5:3). L-idea ta' San Mattew hi li dawn in-nies iħarsu lejn Alla għax m'hemmx il-ġid li jtellifhom; "Imberkin dawk li qalbhom ħelwa, għax jiksbu l-art" (Mt 5:5). Min hu fqir f'qalbu però għandu garanzija li se jkun mal-Mulej dejjem: "Imberkin dawk li qalbhom safja, għax huma jaraw lil Alla." (Mt 5:8).

## Konklużjoni

Il-filosofu Teilhard de Chardin jikkummenta li: "Id-dinja hija għal dawk li huma kapaci joffru tama tassew kbira". Jeħtieġ mela li nkunu iktar fqar f'qalbna u fl-ispirtu u nħarsu lejn Kristu li qalilna: "U meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja" (Ġwanni 12:32). Il-Papa Franġisku, għal San Franġisk ta' Assisi li għex il-faqar, fl-ewwel laqgħa tiegħu mal-ġurnalisti tal-medja fis-16 ta' Marzu 2013 qal li l-Knisja għandha jkollha preferenza għall-fqar u għall-faqar fid-dinja – dan jagħmel sens ukoll meta 53 fil-mija tal-kattolici fid-dinja huma foqra. Fil-fatt huwa ordna sabiex in-nies tal-Arġentina ma jiġux għaċ-ċelebrazzjoni tal-inawgurazzjoni tiegħu bħala Papa nhar id-19 ta' Marzu 2013 imma minflok jagħtu l-flus lill-foqra. Kristu wkoll għex il-faqar u miet ta' fqir fuq is-salib. Dan għandu mela jkun l-wicc tal-Knisja fid-dinja tal-lum. Kristu hu għalhekk it-tama tagħna: "Hu li kien għani, sar fqir minħabba fikom biex jagħnikom bil-faqar tiegħu" (2 Korintin 8:9).

## Biblijografija


Aartun, K., *Hebraisch 'ani und 'anaw*, in *BibOr* 28 (1971) 125-126.

Fabry, H., *Dal*, in *ThWAT* 2, 221-244.

Gelin, A., *Il povero nella Sacra Scrittura*, Milano 1957.

Pleins, J.D., *Poor, Poverty. Old Testament*, The Anchor Bible Dictionary 5, 402-414.

Proietti, B., *Poveri e poverta' nell'Antico Testamento*, Istituto di Teologia della Vita Consacrata, Roma 2002.



# L-UMANITÀ U D-DIVINITÀ TA' KRISTU FIL-ĠRAJJA TAL-EPIFANIJA

*Mons Lawrenz Sciberras*

Il-Knisja Griega Ortodossa tiċċelebra tliet epifaniji tal-Mulej f'ċelebrazzjoni solenni ta' jum wieħed. Dawn huma; (a) dik tal-Maġi, (b) il-magħmudija ta' Ġesù fl-Ġordan, (c) it-tieġ f'Kana tal-Galilija. Fit-tlieta li huma hawn wirja mela 'epifanija' ta' min hu tassew Ġesù u dan fi stadji differenti tal-ħajja tiegħu.

## L-umanità ta' Ġesù

San Ġorġ Preca fil-ktieb tiegħu "L-Iskola ta' Betlehem" fost l-argumenti li jġib dwar l-umanità ta' Ġesù jsemmi l-fsieqi u l-faxex li jitkellem ċar minnhom il-Vanġelu: "U bħala sinjal ikollkom dan; issibu tarbija mfisqija u mimduda f'maxtura" (Lq 2,12). Hawn issa ta' min joħroġ għad-dawl id-differenzi li hemm bejn Luqa u Mattew dejjem fil-kuntest tat-twelid fil-għar skont Luqa u d-dar fejn daħlu l-Maġi skont Mattew. It-tagħlim dwar l-umanità ta' Ġesù, jiġifieri li dan kien tassew bniedem imur kontra dak tad-Doċeti. Dawn għallmu li Ġesù kien biss fantażma, wieħed li jidher biss.

Luqa għal tliet darbiet isemmi l-kelma maxtura, il-post fejn wara li Marija wildet it-tarbija l-ewwel fisqietu u qegħditu f'dan il-post partikulari (Lq 2,7.12.16) Marru mela jgħaġġlu u sabu lil Marija 'l Ġużeppi bit-tarbija mimduda f'maxtura" (Lq 2,16). Issa mill-kelma maxtura, kollox jindika li dan kien post miftuħ għal kulħadd, imkien fejn il-vjaġġaturi flimkien mal-bhejjem tagħhom, wara mixja ta' ġurnata jgħaddu l-lejl tagħhom hemm, jistrieħu huma u jserrħu l-bhejjem mit-tagħbija biex il-għada jkomplu sejrin lejn id-destinazzjoni tagħhom. Dan huwa l-kuntest ta' fejn twieled Ġesù dejjem skont l-evanġelista Luqa. Dan kien post li ma hu proprjetà ta' ħadd u huwa wkoll ta' kulħadd, imkien miftuħ għall-elementi tan-natura.

Ħalli issa niġu għal Mattew fejn dan jitkellem mill-Maġi li marru jagħtu qima lit-tarbija mgħobbijin bir-rigali. Il-post fejn dawn il-Maġi sabu t-tarbija huwa totalment differenti minn dak li jitkellem minnu Luqa: "Meta mbagħad daħlu d-dar u raw lit-tifel ma' ommu Marija nxteħtu fl-art iqimuh;" (Mt 2,11).

Mela fir-rakkont ta' Mattew donna li l-umanità ta' Kristu



toħroġ aktar għad-dawl. Minn tarbija (Luqa) issa għandna tifel (Mattew). Minn għar (Luqa) issa għandna dar (Mattew). Ir-rgħajja ma offrew xejn lit-tarbija. Il-Maġi issa li dan sar tifel offrewlu r-rigali. Kollox għalhekk juri l-umanità ta' Kristu, dejjem f'Mattew tidher differenti minn dik ta' Luqa. Dan għaliex minn tarbija issa hemm tifel. Ukoll l-interpretazzjoni tat-tliet rigali tikkonferma l-umanità f'aktar dettall tat-tifel.

Matul il-mixja tas-snin, lil dawn il-Maġi għamluhom slaten għorrief. Dan kollu huwa mibni fuq kliem is-Salm 72: "Is-slaten ta' Tarsis u tal-gżejjer jagħtuh ir-rigali, is-slaten ta' Seba u ta' Saba għotjiet iġibulu. Iqimuh is-slaten kollha, il-ġnus kollha lilu jaqdu." (10-11). Hemm ukoll kliem Isaija l-profeta: "Mrieħel ta' iġmla għad jgħattuk, l-iġmla żgħar ta' Midjan u Gefa; lkoll minn Seba jiġu, mgħobbijin bid-deheb u l-inċens, u jxandru t-tifħir tal-Mulej." (60, 6).

L-umanità tat-tifel tkompli tidher għalkemm forsi indirettament fil-kulur tal-Maġi. Dak bajdani jippreżenta l-Ewropa, ta' kulur safrani jippreżenta l-Asja, u dak sewdieni l-Afrika. Dawn il-Maġi ġew assoċjati wkoll mat-tliet fażijiet li jgħaddi minnhom l-bniedem: it-tfulija, iż-żgħożija u x-xjuħija.

Fl-aħħarnett hemm it-tifsira tar-rigali tal-Maġi: Id-deheb ifisser li t-tifel huwa sultan. L-inċens juri li mat-tifel hemm marbuta ukoll id-divinità, mal-mirra hemm it-tbatija u l-mewt. Biżżejjed wieħed hawn jiftakar fil-kwantità kbira ta' morr, u sabbara tiżen xi mitt libbra, madwar tletin kilogramma (ara Ġw 19,39) li xtara Nikodemu biex jidlek lil Ġesù issa mejjet qabel ma jqegħduh fil-qabar.

## It-tifsira tal-fsieqi u l-faxex

Missirijiet il-Knisja, kemm dawk Griegi kif ukoll dawk Latini taw bosta interpretazzjonijiet lill-fsieqi u l-faxex li bihom kien ingeżwer Ġesù. Hekk San Ċirillu ta' Lixandra, li miet fis-sena 444. Huwa jgħid: "Meta wieħed jara lill-Bambin Ġesù fil-fsieqi ara li ma taħsibx biss f'Ġesù bħala bniedem; imma ipprova u erfa' l-menti tiegħek u aħseb fil-glorja tiegħu, mela fid-divinità. Għax fil-waqt li l-fsieqi u l-faxex li kienu miegħu urewh bħala skjav, mela l-umanità, imma minn dak li ħabbru l-anġli dwaru, urewh bħala Alla fostna, mela d-divinità.

San Atanasju: Dan miet fis-sena 373. Dan il-għaref kien il-protagonista fil-konċilju ta' Efesu (321) fejn wera d-divinità ta' Ġesù, imma wkoll l-umanità. "Ġesù li kellu jkun jixbah lil ħutu f'kollox (Lhud 2,17) ħa l-ġisem li jixbah lil dak tagħna. Ġie imgeżwer fil-fsieqi, u 'l quddiem huwa msejjaħ 'hieni' is-sider li redda lil Ġesù. Issa huwa impossibbli li ġisem li jidher biss, jerda' il-ħalib u jiġi mgeżwer fil-fsieqi.

Teodoru ta' Ċiro: Dan miet fis-sena 458. Dan jargumenta hekk: Ġesù twieled skont il-ligi tan-natura. Il-fatt li twieled minn mara, dan jaqbel man-natura umana; imma l-fatt li twieled minn verġni, dan huwa fuq in-natura. Huwa ma warrabx il-faxex, iċ-ċirkunċiżjoni, il-ħalib bħala ikel, sam, ħass il-guħ, l-għatx u l-għajja. Mela altru li kien bniedem normali.

San Ipollitu saċerdot: jargumenta dwar l-umanità ta' Ġesù: "Dan il-Verb sar bniedem minn Marija Verġni, li wara li twieled fisqietu fil-faxex Issa fih innifsu ġedded is-sura tal-bniedem il-qadim. Hu ħa l-istess natura tagħna, għax inkella għalxejn kien jordnalna nsiru nixbhuh bħala l-imgħallem tagħna. Kieku dan il-bniedem ħa natura oħra differenti li mhix tagħna, kif seta' qatt lili hekk dgħajjef jordnali nġib ruħi bħalu?"

## Il-fsieqi f'rapport mad-difna u l-qawmien

Missirijiet il-Knisja wkoll jorbtu l-ġrajja tal-Milied ma' dik tal-Għid, mela l-qawmien, jew mogħdija. San Girgor Nażżanżjenu li miet fis-sena 390, jiċċara ħafna r-realtà tal-maxtura mal-qabar.

(1) L-evanġelista Luqa għal darbtejn wara xulxin isemmi l-fsieqi. (Lq 2,7.16). Issa wara li Ġesù irxoxta Ġwanni jgħid li kien hemm il-faxex u l-maktur għalih waħdu (Ġw 20,6). Dan kienu għadhom ġewwa fil-qabar. (2) Kienu l-anġli li taw l-aħbar tat-twelid lir-rgħajja ta' Bet Sahur. Ħdejn il-qabar glorjuż kien hemm ukoll l-anġli jħabbru l-qawmien. (3) Fost ir-rigali tal-Maġi kien hemm l-inċenz u l-mirra, mela oġġetti ifuħu għad-dilka. Marija ta' Magdala, Marija omm Ġakbu, u Salomè marru kmieni ħdejn il-qabar il-Ħadd filgħodu biż-żjut biex jidilku ġisem Ġesù. (4) Mat-tħabbira lir-rgħajja, dehret ukoll il-glorja ta' Alla. L-istess ġara fil-qawmien, dehret il-glorja ta' Alla fil-persuna ta' Ġesù mibdul u kollu dawl. (5) Dik il-glorja li raw ir-rgħajja pperswadithom biex jerħulha "jgħaġġlu" lejn Betlehem ifittxu sa ma sabu t-tarbija ma' ommu u missieru. Id-dija, it-terremot u l-ġebla imgerrba li raw



u ħassew l-għases Lhud li kien hemm mal-qabar, ipperswadithom biex jgħidu b'kollox lill-kapijiet tal-Lhud li xejn ma kien qed jiġri normali għalihom!

Ġesù ħareġ mill-qabar u ħalla warajh l-ilbies tal-kefen hemm, bħala xhieda li minn issa 'l quddiem huwa, Ġesù, neża' l-mortalità biex jilbes ilbies tal-glorja, ġisem kollu kemm hu mibdul, ħafif u ma jokkupax spazju. Tant hu veru dan li l-istess nom u verb li jiddeskrivu l-glorja tal-qawmien u l-glorja tal-bidla tat-trasfigurazzjoni huma l-istess. Mela diġà it-trasfigurazzjoni hija antiċipazzjoni tal-qawmien ta' Ġesù.

San Severu minn Antijokja, dan miet fis-sena 538, jitkellem mill-ilbies ta' Ġesù fi twelidu u wara l-mewt tiegħu. "Il-fatt li Ġesù qam għeri, mingħajr faxex u maktur, ifisser li wieħed issa ma għandu qatt iħares aktar lejn il-ġisem ta' Ġesù bħala bniedem. Issa l-ġisem glorjuż ta' Ġesù jinsab imgeżwer bid-dawl bħal b'mantell." Dan il-ħsieb diġà kien tkellem minnu San Pawl: "Dan nafu li l-bniedem il-qadim tagħna ssallab miegħu, biex jinqered dan il-ġisem tad-dnub, sabiex ma nkunux aktar ilsiera tad-dnub." (Rum 6,6).

## Ukoll id-divinità

Din tad-divinità lejn it-tarbija-tifel ta' Betlehem narawha minn żewġ angli: ir-rigali tal-Maġi kif ukoll mill-att ta' adorazzjoni li huma taw lit-tifel Ġesù.

Mattew huwa ċar ħafna dwar ir-rigali. Dawn huma deheb, inċens u mirra. Issa ma kull wieħed minn dawn hemm tifsira partikulari. Lilna jinteressana l-inċens, kwalità ta' bħur fin mill-Għarabja. Fil-liturġija tat-tempju l-inċens għandu dejjem sens qawwi mad-divinità. Hekk is-salm: "Ikun it-talb tiegħi bħal inċens quddiemek, ikunu idejja merfugħa 'l fuq bħas-sagrifiċċju filgħaxija" (S 140,2). Ma ninsewx ukoll li biex itaffu xi ftit mill-irwejjaħ tal-ħruq tal-annimali, kienu jużaw kwantitajiet imdaqqsa ta' inċens!

Fl-Apokalissi mbagħad hemm dejjem l-istess ħsieb ta' inċens li jfisser talb offrut lil Alla: " ... kull wieħed minnhom (ix-xjuħ) kellu ċetra u xi bwieqi tad-deheb mimlija bl-inċens, li huma t-talb tal-qaddisin" (Apk 5,8). Hemm imbagħad ix-xena tas-seba' siġilli: "U ġie anġlu ieħor, b'ċensier tad-deheb, ... u tawh ħafna inċens biex joffrih mat-talb tal-qaddisin kollha fuq l-artal tad-deheb ta' quddiem it-tron. U d-duħħan tal-inċens tela' mat-talb tal-qaddisin minn id l-anġlu quddiem Alla" (Apk 8,3-4).

San Pietru Krisologu jgħid hekk: "Il-lum il-Maġi mitlufa bil-għaġeb bdew jistaqsu lilhom infushom x'inhu



qatt dak li kienu qegħdin jilmħu: għax huma raw is-sema fl-art, l-art fis-sema, il-bniedem f'Alla, Alla fil-bniedem u 'l dak li d-dinja kollha ma tesgħux rawh fid-djuq ta' ġisem ċkejken ta' tarbija. Il-fidi tagħhom stqarrewha permezz ta' rigali mistiċi: bl-inċens għarfu lil Alla, bid-deheb lis-sultan u bil-mirra li ġie biex ibati u jmut".

## L-att ta' adorazzjoni

"Raw lit-tifel ma' ommu Marija u inxteħtu fl-art iqimuh." Issa fil-Bibbja dan il-verb jiġi wżat biss fl-adorazzjoni li tingħata lil Alla. F'waħda mit-tentazzjonijiet meta x-xitan qal lil Ġesù li kien se jagħtih is-saltniet kollha taħt kundizzjoni li "tinxteħet tadurani" (Mt 4,9), Ġesù wieġbu hekk: "Lill-Mulej Alla tiegħek, għandek tadura ..." L-istess verb hemm meta wieħed lebbruż iltaqa' ma Ġesù: Dan " ... nxteħet quddiemu ... " (Mt 8,2). Luqa jiddeskrivi dak li għamlu l-appostli meta minn fuq il-għolja taż-Żebbuġ raw lil Ġesù tiela' s-sema minn quddiemhom.. Allura l-appostli " ... nxteħtu fl-art jagħtuh qima ... " *proskunesantes.* (Lq 24,52).

Fid-djalogu li Ġesù kellu mas-Sammaritana (Ġw 4,7-30), waqt minnhom il-mara bdiet tkellem lil Ġesù dwar l-att ta' adorazzjoni lil Alla li, kemm il-Lhud kif ukoll huma is-Samaritani, kienu jagħmlu. Tant li mill-vers 20 sal-vers 24 dejjem jaqbeż il-verb tadura, jaduraw eċċ. Fil-Grieg dejjem hemm l-istess għeruq tal-verb *proskuneo*. "Missirijietna kienu jaduraw lil Alla fuq din il-muntanja; imma intom tgħidu li l-post fejn wieħed għandu jadura lil Alla...." Mela hawn ukoll il-mara Samaritana qiegħda tara f'Ġesù d-divinità.

Mela mill-ġest tal-Maġi li nxteħtu fl-art jidher sew li f'dak it-tifel huma għarfuh bħala Alla, minkejja li minn barra kollox kien jidher tifel bħat-tfal l-oħra kollha ta' Betlehem.

Għalhekk mela l-festa tal-Maġi bil-qawwa kollha tikkonferma l-misteru taż-żewġ naturi divina u umana f'persuna waħda, dik ta' Ġesì Kristu.



# “GĦIDILHOM KULMA GĦAMEL MIEGĦEK IL-MULEJ, U KIF ĦENN GĦALIK” (MK 5:19)

***Fr Marcello Ghirlando***

Diġà kellna l-okkażjoni matul din is-sena nġibu quddiem għajnejna in-numru 8 tal-Bulla tal-Indizzjoni tas-Sena tal-Ġublew *Misericordiae Vultus,* sena li issa waslet fit-tmiem tagħha. Hekk kiteb Papa Franġisku: “Quddiem il-kotra ta’ nies li kienet timxi warajh, meta ra li kienu għajjenin u mitluqin, mitlufin u bla ħadd min imexxihom, Ġesù ħassu jitqanqal minn qiegħ

qalbu għalihom (ara Mt 9:36). B'din l-imħabba kollha ħniena hu fejjaq il-morda li kienu jressqulu quddiemu (ara Mt 14:14), u bi ftit ħobż u ħutiet tema' ġmiegħi kbar (ara Mt 15:37). Dak li lil Ġesù kien imexxih fiċ-ċirkustanzi kollha ma kienx ħlief il-ħniena, li biha kien jaqra fil-qlub ta' min kien ikollu quddiemu u jwieġeb għall-aktar bżonn veru tagħhom. Meta ltaqa' mal-armla ta' Najn li kienet qed twassal lill-iben il-waħdieni tagħha lejn il-qabar, tqanqal bil-kbir għal dak l-uġigħ immens tal-omm li kienet qed tibki, u taha lura lil binha billi qajmu mill-mewt (Lq 7:15). Wara li ħeles lill-imxajtan ta' Ġerasa, jafdalu din il-missjoni: "Mur inġabar id-dar ma' niesek, u għidilhom kulma għamel miegħek il-Mulej, u kif ħenn għalik" (Mk 5:19).

Hu proprju dan l-aħħar Vanġelu li nixtieq li nġibu quddiem għajnejna fl-aħħar ta' din is-sensiela ta' artikli fuq is-Sena tal-Ġublew tal-Ħniena.

Hawnhekk jidher li għandna l-aktar eżempju ċar ta' esorċiżmu veru u proprju, barra l-intenzjonijiet apoloġetiċi tal-evanġelisti: insibuh fl-istorja tal-imxajtan ta' Ġerasa f'Mark 5,1-20 (ara wkoll Luqa 8,26-39 u Mattew 8,28-34). Hekk jikteb San Mark:

"Waslu x-xatt l-ieħor tal-baħar u ġew fil-pajjiż tal-Ġerasin. Kif niżel mid-dgħajsa, resaq fuqu wieħed, li ħareġ mill-oqbra, li kien maħkum minn spirtu ħażin. Dan kien jgħammar fl-oqbra, u ħadd ma kien jista' jżommu marbut, anqas b'katina, għax bosta drabi laħqu rabtuh bix-xkiel u bil-ktajjen u hu kien jaqsam il-ktajjen u jkisser ix-xkiel, u ħadd ma kellu l-ħila jżommu. Lejl u nhar kien il-ħin kollu joqgħod qalb l-oqbra jew fuq il-muntanji, jixher u jqatta' ġismu biż-żrar. Kif lemaħ lil Ġesù mill-bogħod ġera lejh, inxteħet fl-art quddiemu, u għajjat b'leħen qawwi u qallu : 'Aħna x'għandna x'naqsmu, Ġesù, Bin Alla l-Għoli? Aħlifli fuq Alla li ma taħqarnix!' Għax kien qallu : 'Oħroġ ja spirtu ħażin minn dan il-bniedem!' Mbagħad staqsih: 'X'jismek?' 'Leġjun jisimni,' wieġbu 'għax aħna ħafna.' U beda jitolbu bil-ħerqa biex ma jkeċċihomx barra mill-pajjiż. Kien hemm merħla kbira



ta' qżieqeż tirgħa mal-ġenb tal-għolja, u l-ispirti talbuh ħafna u qalulu: 'Ibgħatna lejn il-qżieqeż ħa nidħlu fihom.' U ħallihom imorru. L-ispirti ħżiena ħarġu, u daħlu fil-qżieqeż; u l-merħla li kienet ta' madwar elfejn ras, inxteħtet għal ġol-baħar mill-għoli tax-xaqliba u għerqet fil-baħar. Ir-rgħajja tagħhom ħarbu u marru jxerrdu l-aħbar mal-belt u l-irziezet, u n-nies ġiet tara x'ġara. Ġew ħdejn Ġesù, u lil dak li qabel kien maħkum mix-xitan u li kellu leġjun ġo fih rawh bilqiegħda u moħħu f'siktu, u baqgħu miblugħin bil-biża'. In-nies li raw il-ġrajja qalulhom x'kien għadda minn għala l-imxajtan u l-qżieqeż. Imbagħad bdew jitolbuh ħafna lil Ġesù biex iwarrab minn pajjiżhom. Kif kien tiela' fuq id-dgħajsa, dak li qabel kien maħkum mix-xitan beda jitolbu ħafna biex iħallih jibqa' miegħu. Iżda hu ma ħallihx, u qallu: 'Mur inġabar id-dar ma' niesek u għidilhom kulma għamel miegħek il-Mulej, u kif ħenn għalik.' Dak telaq u beda jxandar fid-Dekapoli kemm kien għamel miegħu Ġesù. U kulħadd stagħġeb".

Wara l-ġrajja sabiħa tat-tempesta fuq il-Baħar tal-Galilija li tagħlaq bil-kmand tal-Mulej lir-riħ u lill-baħar u l-mistoqsija "Dan min hu, mela, biex saħansitra r-riħ u l-baħar jisimgħu minnu?" (Mk 4:41), Ġesù u d-dixxipli jaslu x-xatt l-ieħor, fil-pajjiż tal-Ġerasin. Jinżlu f'art meqjusa bħala "barranija" għax pagana u għalhekk meqjusa bħala art imniġġsa. Hija ż-żona tad-Dekapoli, l-għaxart ibliet li ma kinux josservaw il-Liġi ta' Mosè. Dan jidher ċar mill-fatt li bniedem kien igħix qalb l-oqbra u li kien hemm anke l-presenza ta' merħla qżieqeż, meqjusa bħala mniġġsa (ara Lev 11:7; Dt 14:8). Jista' jkun li huwa "l-pajjiż 'l bogħod" li fih mar l-iben il-ħali.

Hu hawnhekk li Ġesù jiltaqa' mal-bniedem maħkum minn spirtu ħażin. Id-deskrizzjoni tiegħu hija kważi waħda li tbezza': "Dan kien jgħammar fl-oqbra, u ħadd ma kien jista' jżommu marbut, anqas b'katina, għax bosta drabi laħqu rabtuh bix-xkiel u bil-ktajjen u hu kien jaqsam il-ktajjen u jkisser ix-xkiel, u ħadd ma kellu l-ħila jżommu. Lejl u nhar kien il-ħin kollu joqgħod qalb l-oqbra jew fuq il-muntanji, jixher u jqatta' ġismu biż-żrar". Hija deskrizzjoni li tindika biċ-ċar is-sitwazzjoni tiegħu bħala maħkum minn spirtu ħażin, vjolenti, b'karatteristiċi ta' *self-destruction*, mibegħda għall-ħajja, spirtu qawwi ta' mewt. L-imxajtan isir espressjoni tal-bniedem mgħaffeġ mis-saram tal-ħajja, imma li fl-aħħar mill-aħħar jixtieq jinħeles u jikseb ħajja ġdida. Għalhekk San Mark ikompli jikteb: " Kif lemaħ lil Ġesù mill-bogħod ġera lejh, inxteħet fl-art quddiemu".





Ir-reazzjoni tal-imxajtan u l-ispirtu ħażin huwa simili ħafna għal dik tal-ispirti l-ħżiena fl-esorċiżmi ta' Ġesù, per eżempju f'Mark 1:24: "Aħna x'għandna x'naqsmu, Ġesù ta' Nazaret? Ġejt biex teqridna? Jien naf min int: 'Il-Qaddis ta' Alla.'" Hekk jiġri wkoll hawnhekk, bid-differenza li Ġesù jiġi deskritt hawn bħala 'Bin Alla l-Għoli'. "għajjat b'leħen qawwi u qallu : 'Aħna x'għandna x'naqsmu, Ġesù, Bin Alla l-Għoli? Aħlifli fuq Alla li ma taħqarnix!' Għax kien qallu : 'Oħroġ ja spirtu ħażin minn dan il-bniedem!' " Huwa Bin Alla l-Għoli li bħal donnu juri lill-imxajtan li l-għerq u l-għajn tat-tbatija tiegħu kienet ġejja mill-qigħan...u l-ħelsien seta' biss jiġi mill-Għoli.

Ġesù juri s-setgħa tiegħu fuq l-ispirtu ħażin billi jikxef min hu billi jitolbu ismu: "Mbagħad staqsih: 'X'jismek?' 'Leġjun jisimni,' wieġbu 'għax aħna ħafna.' U beda jitolbu bil-ħerqa biex ma jkeċċihomx barra mill-pajjiż. Kien hemm merħla kbira ta' qżieqeż tirgħa mal-ġenb tal-għolja, u l-ispirti talbuh ħafna u qalulu: 'Ibgħatna lejn il-qżieqeż ħa nidħlu fihom.' U ħallihom imorru. L-ispirti ħżiena ħarġu, u daħlu fil-qżieqeż; u l-merħla li kienet ta' madwar elfejn ras, inxteħtet għal ġol-baħar mill-għoli tax-xaqliba u għerqet fil-baħar". L-ispirtu ħażin huwa "Leġjun": mela spirtu li jokkupa, li jagħmel gwerra,

li jrid jaħkem bil-vjolenza u bil-qawwa...imma li jiġi mirbuħ bil-kmand ta' Ġesù "Oħroġ ja spirtu ħażin minn dan il-bniedem!". Hawnhekk l-ispirti jitolbu li jidħlu fil-qżieqeż, li mbagħad ma kellhomx il-ħila jissaportu l-preżenza tagħhom tant li jispiċċaw mgħarrqa fil-baħar. Ġrajja li trid turi li Ġesù huwa l-Qawwi li jħarrab kull ħażen u joħroġ dejjem rebbieħ anke fuq dak il-ħażen li jidher li huwa invinċibbli.

Ir-reazzjoni hija waħda ta' xandira: ir-rgħajja li jaħarbu lejn l-ibliet u l-irziezet jirrakkuntaw dak li kien ġara. Ġrajja li qanqlet biżà li wasslet biex in-nies titlob lil Ġesù jitlaq minn pajjiżhom! "Ir-rgħajja tagħhom ħarbu u marru jxerrdu l-aħbar mal-belt u l-irziezet, u n-nies ġiet tara x'ġara. Ġew ħdejn Ġesù, u lil dak li qabel kien maħkum mix-xitan u li kellu leġjun ġo fih rawh bilqiegħda u moħħu f'siktu, u baqgħu miblugħin bil-biża'. In-nies li raw il-ġrajja qalulhom x'kien għadda minn għala l-imxajtan u l-qżieqeż. Mbagħad bdew jitolbuh ħafna lil Ġesù biex iwarrab minn pajjiżhom".

Ir-reazzjoni tal-imxajtan, li issa tassew kien twieled mill-ġdid bis-saħħa tal-ħniena li Ġesù kien wera miegħu, jitlob biex "jibqa' miegħu", li jsir fil-verità dixxiplu tiegħu: "Kif kien tiela' fuq id-dgħajsa, dak li qabel kien maħkum mix-xitan beda jitolbu ħafna biex iħallih jibqa' miegħu." Ġesù fil-fatt ma jħallihx jibqa' miegħu imma, kuntrarju għall-ġrajjiet oħra ta' fejqan u ħelsien li fihom l-Mulej jitlob is-sigriet, jagħmlu xandâr tal-ħniena tiegħu fost ħutu fid-Dekapoli: "Iżda hu ma ħallihx, u qallu: 'Mur inġabar id-dar ma' niesek u għidilhom kulma għamel miegħek il-Mulej, u kif ħenn għalik.' Dak telaq u beda jxandar fid-Dekapoli kemm kien għamel miegħu Ġesù. U kulħadd stagħġeb". Il-ħelsien mill-ħażin inbidel f'ħelsien ta' xandir u missjoni!

Dak li kien għamel esperjenza tassew profonda u ħelliesa tal-Mulej Ġesù rebbieħ fuq il-ħażen fil-ħajja proprja tiegħu issa jiġi mibgħut ixandar kemm il-Mulej kien ħenn għalih. Dak li mill-ħarsa kollha ħniena tal-Mulej kien irċieva ħajja ġdida issa jsir appostlu konvint tal-ħniena infinita tal-Missier li tassew tiddi fil-wiċċ ta' Ġesù. F'Ġesù kien għamel esperjenza tal-persuna tiegħu "li mhix ħlief imħabba, imħabba li tingħata b'xejn." Għax "ir-relazzjonijiet tiegħu mal-persuni li jersqu lejh jikxfu xi ħaġa unika u irrepetibbli. Is-sinjali li jwettaq, fuq kollox mal-midinbin, mal-foqra, mal-imwarrbin, il-morda u l-imġarrbin, huma kollox f'isem il-ħniena tiegħu. Fih kollox jitkellem dwar il-ħniena. M'hemm xejn fih li m'għandux ħniena" (*Misericordiae Vultus* 8).

"Għidilhom kulma għamel miegħek il-Mulej, u kif ħenn għalik!" Kemm huwa utli fid-dawl ta' din il-kelma ta' Ġesù nifhmu it-tħeġġiġa tal-Papa Franġisku fil-*Misericordiae Vultus* numru 10: "Il-fus li jwieżen il-ħajja tal-Knisja hu l-ħniena. L-azzjoni pastorali kollha tagħha għandha tkun imgeżwra fil-ħniena li biha ddur fuq dawk li jemmnu; xejn mit-tħabbira u mix-xhieda tagħha quddiem id-dinja m'għandu jkun nieqes mill-ħniena. Il-kredibbiltà tal-Knisja tgħaddi mit-triq tal-imħabba ħanina u kollha kompassjoni. Il-Knisja tgħix bix-xewqa bla temma li toffri ħniena".



# ĠESÙ JFEJJAQ RAĠEL MIFLUĠ (MK 2:1-12)

*Fr Martin Micallef OFMCap*

Wieħed mill-ewwel mirakli li San Mark jirrakkonta fl-Evanġelju tiegħu, huwa l-fejqan ta' raġel mifluġ. Dan il-miraklu nsibuh irrakkuntat f'Mk 2:1-12, jiġifieri kważi fil-bidu ta' dan l-Evanġelju.[1] Sa issa l-Evanġelista ppreżentalna lil Ġesù jxandar is-Saltna ta' Alla u juri li din is-Saltna kienet waslet fost dawk li kienu qed jisimgħuh u permezz tal-mirakli ta' fejqan u

ta' eżorċiżmi li kien qed iwettaq. B'dan il-mod, San Mark jurina li l-missjoni ta' Ġesù fil-Galilija s'issa dehret li kienet qed tkun ta' suċċess, sakemm naslu għal dan il-punt fin-narrativa. L-Evanġelista hawnhekk jirrakkontalna episodju ta' fejqan li jitħabbel ma' forma ta' oppożizzjoni kontra Ġesù min-naħa ta' xi kittieba li juru diżapprovazzjoni u suspett kontra dak li kien qed jgħid Ġesù.

F'dan l-artiklu sejrin inħarsu mill-qrib lejn dan il-miraklu ta' fejqan u nippruvaw ninkwadrawh fis-serje ta' kontroversji li San Mark jippreżentalna fil-bidu tan-narrativa tal-Evanġelju tiegħu, liema kontroversji jħabbru minn kmieni ħafna li l-għedewwa ta' Ġesù kellhom iwassluh għall-mewt.

## Serje ta' kontroversji

Nistgħu ngħidu li Mk 2:1-12 huwa l-ewwel episodju fost serje ta' ħames episodji ta' konflitti li jsewgu lil xulxin b'mod illi flimkien dawn jiffurmaw sezzjoni unifikata f'San Mark. Din is-sezzjoni tibda b'dan l-episodju tal-fejqan ta' raġel mifluġ li nsibu fil-bidu tal-Kapitlu 2 u tintemm f'3:16. Dak li jgħaqqad flimkien lil dawn il-ħames episodji huwa l-element ta' kontroversja u reżistenza min-naħa tal-awtoritajiet reliġjużi Lhud kontra Ġesù.

Fil-bidu, dan is-sentiment ta' oppożizzjoni kontra Ġesù jseħħ biss fil-qalb ta' dawn l-avversarji mingħajr ma jesprimuh bil-kliem.[2] Fit-tieni konflitt, Ġesù jiġi akkużat għall-fatt li kien qed jiekol mal-pubblikani u l-midinbin.[3] Fit-tielet konflitt huma d-dixxipli li jiġu akkużati għaliex ma kinux qed isumu. Hawnhekk, Ġesù jitkellem fuqu nnifsu bħala 'għarus' li għad jittieħed minn fost il-mistednin [4] Fir-raba' konflitt, id-dixxipli mill-ġdid jiġu akkużati li kienu qed jagħmlu dak li ma jiswiex f'jum is-Sibt.[5] Fil-ħames konflitt, imbagħad, huwa Ġesù li jiġi akkużat li kien qed ifejjaq f'jum is-Sibt.[6]

Dan l-aħħar konflitt jintemm b'komplott min-naħa tal-Fariżej u l-Erodjani



biex jeqirdu lil Ġesù u b'hekk jeħilsu minnu darba għal dejjem.[7] Dak li hu interessanti hawnhekk hu l-fatt li filwaqt li l-ewwel kontroversja tintemm b'reazzjoni ta' stagħġib min-naħa tal-folla preżenti għall-miraklu li kien għamel Ġesù meta dawn jgħidu; "Ħwejjeġ bħal dawn qatt ma rajnihom" (2:12), l-aħħar kontroversja tintemm bid-deċiżjoni li fiha l-Fariżej "bdew jiftiehmu mal-Erodjani kontra tiegħu kif jeqirduh" (3:6).[8]

Il-ħames episodji fil-bidu tal-Evanġelju li jiffurmaw din is-sezzjoni ta' kontroversji kontra Ġesù ma jidhirx li kienu ħames ġrajjiet li ġraw b'mod konsekuttiv, jiġifieri, immedjatament wara xulxin fil-ministeru ta' Ġesù.[9] San Mark, fil-fatt jintroduċi dawn l-istejjer b'mod ġenerali ħafna. L-ewwel jikteb, "Meta wara xi ġranet daħal Kafarnahum, in-nies semgħet li kien id-dar ..." (2:1). It-tieni kontroversja tibda hekk: "Darba waħda d-dixxipli ta' Ġwanni u l-Fariżej kienu sajmin, ġew u qalu lil Ġesù ..." (2:18). It-tielet kontroversja tibda bil-kliem: "Raġa' ħareġ lejn xatt il-baħar, u n-nies kollha resqu lejh …" (2:13). Ir-raba' kontroversja tibda bin-nota: "Ġara li darba s-Sibt għaddew minn għalqa miżrugħa, u d-dixxipli tiegħu, huma u mexjin bdew jaqtgħu s-sbul" (2:23). Il-ħames kontroversja mbagħad tibda b'dan il-kliem: "Raġa' daħal fis-sinagoga u kien hemm raġel li kellu idu niexfa." (3:1).

Ħafna mill-istudjużi ta' dan l-Evanġelju, mela, huma tal-fehma li kien San Mark stess li ġabar dawn il-ħames kontroversji flimkien fil-bidu tal-Evanġelju biex bihom huwa jqiegħed l-awtorità ta' Ġesù bil-miftuħ quddiem kulħadd.[10] Għalkemm dawn il-ħames konflitti huma ppreżentati bħala sezzjoni waħda unifikata fil-bidu tal-Evanġelju ta' San Mark bħala parti mill-ministeru ta' Ġesù fil-Galilija, fil-Kapitlu 11 u 12 nerġgħu nassistu għal ħames kontroversji oħra kontra Ġesù. Din id-darba, iżda dawn il-konflitti huma marbutin mal-ministeru ta' Ġesù mhux fil-Galilija iżda fil-belt ta' Ġerusalemm. L-episodju tal-fejqan tal-mifluġ f'Mk 2:1-12 jgħaqqad direttament ma' dawn l-aħħar ħames kontroversji li nsibu fl-aħħar tal-Evanġelju. Kif?

Filwaqt li fl-episodju tagħna, Ġesù se jiġi akkużat mill-kittieba li kien qed jidgħi, hekk ukoll fl-aħħar tal-Evanġelju se naqraw kif waqt il-proċess kontra Ġesù, il-qassis il-kbir wara li jċarrat l-ilbies ta' fuqu, jgħid: "Xi ħtieġa għandna iżjed ta' xhieda? Id-dagħwa smajtuha!" (14:63-64). Mela, kemm fil-bidu, kif ukoll fl-aħħar tal-Evanġelju, Ġesù jiġi akkużat mill-għedewwa tiegħu li kien qed jidgħi. U allura dak li l-għedewwa tiegħu ma jirnexxielhomx jagħmlu fil-bidu tal-Evanġelju, jagħmluh fl-aħħar, meta jaslu sabiex joqtlu lil Ġesù.

Dawn l-istejjer ta' kontroversji juru wkoll kemm kienet qawwija r-reazzjoni kontra Ġesù, reazzjoni li tibda bi kritika li ssir biss fil-qalb tal-għedewwa tiegħu, iżda mbagħad din il-kritika ssir aktar wiesgħa b'mod illi meta dawn raw li ma setgħu jagħmlu xejn kontra Ġesù, ippjanaw kif kellhom jeqirduh. Il-gruppi involuti f'din l-oppożizzjoni kontra Ġesù huma l-ewwel il-kittieba,[11] imbagħad il-Kittieba u l-Fariżej;[12] wara l-Fariżej,[13] u fl-aħħar il-Fariżej flimkien mal-Erodjani.[14]

## Id-Dar f'Kafarnahum

Is-silta tiftaħ b'din in-nota: "Meta wara xi ġranet daħal Kafarnahum, in-nies semgħet li kien id-dar" (2:1). Mela, wara li diġà nsibu li Ġesù kien lesta l-ewwel parti tal-itinerarju tiegħu fil-villaġġi tal-Galilija, li matulhom huwa xandar is-Saltna ta' Alla, kif naqraw fil-1:39: "U dar il-Galilija kollha, jippriedka fis-sinagogi tagħhom u joħroġ ix-xjaten", Ġesù jirritorna mill-ġdid f'Kafarnahum.

Mhuwiex ċar għal-liema dar l-Evanġelista qed jirreferi meta jgħidilna f'dan l-ewwel vers li "in-nies semgħet li [Ġesù] kien

id-dar." Minħabba li Ġesù issa kien f'Kafarnahum, u f'din il-belt diġà ltqajna ma' Ġesù fid-dar ta' Xmun u ħuh Indrì meta Ġesù fejjaq l-omm il-mara ta' Xmun, xi wħud jikkonkludu li Ġesù issa kien mill-ġdid f'din l-istess dar.[15] Il-preżenza ta' Ġesù f'din id-dar ma tantx setgħet tinħeba fit-tul, tant illi fil-vers ta' wara, il-vers 2, naqraw hekk: "U nġabru bosta, hekk li ma kienx hemm fejn joqogħdu iżjed, anqas quddiem il-bieb." Din id-deskrizzjoni tfakkarna fil-konklużjoni tal-episodju tal-miraklu ta' omm il-mara ta' Xmun, meta filgħaxija, fi nżul ix-xemx "quddiem il-bieb inġabret il-belt bi ħgarha" (1:33).

Il-kelma bil-Grieg li juża hawn San Mark meta jgħidilna "u *nġabru* bosta" hija l-kelma *synago,* li minnha toħroġ il-kelma 'sinagoga', il-post fejn kien jinġabar il-poplu sabiex jisma' l-Kelma ta' Alla. S'issa lil Ġesù nsibuh darba biss jippriedka fis-sinagoga.[16] Huwa kien se jidħol fis-sinagoga darbtejn oħra biss, u dejjem hemmhekk se jigi rrifjutat.[17] Minflok is-sinagoga, issa hija din id-dar li se ssir bħal 'sinagoga ġdida', jekk nistgħu nsejħulha hekk, li hija aktar mimlija bin-nies, b'mod "li ma kienx hemm fejn joqogħdu iżjed, anqas quddiem il-bieb" (2:2).[18]

Wara dan id-dettal, San Mark jgħidilna li minn din id-dar, Ġesù "qagħad ixandrilhom il-kelma" (v.2). San Mark iħobb juża din l-espressjoni mingħajr ebda kwalifika. Fil-fatt, f'dan l-Evanġelju, l-espressjoni "qagħad ixandrilhom il-kelma [*logos*]" għandha tifsira doppja: din tirreferi jew għall-kontenut tal-messaġġ li kien ixandar Ġesù,[19] jew inkella għall-istess messaġġ imxandar fuqu bħalma jagħmel il-lebbruż, li wara li ġie mfejjaq minn Ġesù "telaq, u beda jxandar ma' kullimkien u jxerred l-aħbar" (1:45).

## L-erba' irġiel

Dawn l-ewwel żewġ versi, mela, jservu ta' introduzzjoni għar-rakkont. Huwa fil-vers 3 li tibda l-istorja proprja meta naqraw hekk: "U marru ħadulu quddiemu wieħed mifluġ, merfugħ minn erbgħa min-nies. Billi ma setgħux jersqu sa ħdejh minħabba l-kotra, qalgħu s-saqaf ta' fuqu, fetħu toqba, u niżżlu minnha l-friex li fuqu kien mimdud il-mifluġ" (vv. 3-4).

Il-marda tar-raġel tradotta bil-Malti 'mifluġ' tissemma hawnhekk biss fl-Evanġelju kollu ta' San Mark, u l-fatt li dan kien merfugħ minn erbgħa jurina li dan ir-raġel kien fi stat tassew ħażin u ta' tbatija b'mod illi ma setax jimxi. Fuq ix-xena jaslu dawn l-erbat irġiel iġorru raġel mifluġ. Spiss fl-Evanġelju naqraw li l-morda ma kienux imorru weħidhom għand Ġesù, imma kien ħaddieħor li kien jeħodhom sa ħdejn Ġesù.[20]



Min kienu dawn l-erbat irġiel li ħadu lil dan ir-raġel marid f'dan il-post fejn kien hemm Ġesù? Il-qraba, il-ħbieb jew il-ġirien tiegħu? Qatt ma nsiru nafu min kienu. Li nsiru nafu biss hija l-qawwa tal-fidi u d-determinazzjoni tagħhom biex minkejja l-folla kbira, huma ressqu lil dan ir-raġel marid sa ħdejn Ġesù. Hawn min staqsa wkoll għaliex hawnhekk l-Evanġelista jgħidilna li dawn kienu erbgħa u mhux tnejn, per eżempju? Xi studjużi jidentifikaw dawn l-erbat irġiel mill-ewwel erba' dixxipli, li darbtejn jiġu mmarkati bħala grupp fil-kapitlu ta' qabel.[21] Interessanti li f'dan l-episodju, dawn l-erba' dixxipli li Ġesù kien diġà sejjaħ sabiex jimxu warajh, ma jissemmewx. Jibqa' l-fatt li r-referenza għall-erbat irġiel li ġarrew lil dan ir-raġel marid hija paragonabbli għall-ewwel erba' dixxipli li diġà nsibuhom jinterċedu quddiem Ġesù għal omm il-mara ta' Xmun li kienet marida fis-sodda.[22]

## Il-folla

It-tieni ħaġa li rridu ninnutaw wara r-referenza għall-erbgħa min-nies huwa l-impediment li dawn sabu meta minħabba l-folla ma setgħux jidħlu fid-dar fejn kien hemm Ġesù. L-espressjoni 'minħabba l-folla', bil-Grieg: *dia ton ochlon*, hija l-ewwel referenza għat-terminu 'folla' f'San Mark, terminu li jissemma 37 darba. Mal-kelma 'folla', bil-Grieg: *ochlon,* San Mark juża wkoll espressjonijiet simili, bħal 'ħafna', bil-Grieg: *polloi;* 'ilkoll', bil-Grieg: *pantes, holos.*[23]

Ħafna drabi l-preżenza tal-folla f'dan l-Evanġelju hija preżenza li tfixkel. Min xtaq jersaq lejn Ġesù, l-ewwel kien jeħtieġlu jissupera lill-folla. Il-folla hija ppreżentata bħala massa ta' nies li ma jafux jiddixxernu: filli jkollhom sentiment mod, u filli ieħor, bħal fil-każ tal-għama ta' Ġeriko. Hawnhekk il-folla l-ewwel tibda ssikket lir-raġel għama meta dan beda jgħajjat sabiex Ġesù jkollu ħniena minnu. Imbagħad, wara li Ġesù waqaf u sejjaħlu, kienet il-folla stess li għamlet kuraġġ lil dan l-għama sabiex jersaq lejn Ġesù.[24] L-istess f'dan l-episodju tal-fejqan tal-paralitiku, il-preżenza tal-folla hija waħda ambivalenti. Min-naħa, il-folla timpedixxi lil dan ir-raġel marid biex jidħol ġewwa, iżda ftit wara, meta Ġesù jfejjaq lil dan ir-raġel, jidher li dan l-istess raġel joħroġ mill-bieb tal-istess dar mingħajr ebda diffikultà quddiem kulħadd.[25] F'Ħadd il-Palm, ukoll, waqt li kien f'Ġerusalemm, il-folla tilqa' lil Ġesù b'mod trijunfali, [26] iżda ftit jiem wara, tiddeċiedi li tikkundannah għall-mewt.[27] Huwa San Luqa, li fl-episodju ta' Żakkew, jurina kemm hu qawwi l-impediment tal-folla. Żakkew li kien raġel qasir ma setax jara lil Ġesù minħabba l-folla. Huwa jissupera lill-folla billi jixxabbat ma' siġra u joqgħod hemm fuq jistenna lil Ġesù għaddej.[28]

## It-toqba fis-saqaf

It-tielet ħaġa li rridu ninnutaw huwa l-ġest li dawk l-erbat irġiel għamlu meta, għaliex ma setgħux jersqu lejn Ġesù minħabba l-folla, "… qalgħu s-saqaf ta' fuqu, fetħu toqba, u niżlu minnha l-friex li fuqu kien mimdud il-mifluġ." (Mk 2:4).[29] Jidher li d-djar ta' dak iż-żmien kien ikollhom bħal taraġ jew xriek fil-ġenb li minnhom setgħu jitilgħu fuq il-bejt. Il-verbi li juża San Mark hawnhekk biex bihom jesprimi l-azzjoni ta' dawn l-erbat irġiel meta telgħu fuq il-bejt, huma verbi li rari jintużaw. Bl-użu ta' dawn il-verbi, San Mark jurina li minn fuq il-bejt, dawn l-irġiel għamlu bħal ħofra li minnha mbagħad niżżlu lir-raġel marid li kienu qed iġorru. L-istess ħaġa naqraw fl-Atti tal-Appostli meta niżżlu lil San Pawl f'qoffa mas-swar tal-belt ta' Damasku.[30]

San Luqa, li hu aktar fin fid-deskrizzjonijiet tiegħu, jgħidilna hekk: "… telgħu fuq il-bejt, u niżżluh bil-mitraħ b'kollox minn bejn ix-xorok f'nofs in-nies quddiem Ġesù." (Lq 5:19). Ninnutaw il-kelma li San




Mark juża hawnhekk biex jirreferi għall-oġġett li fuqu kien qed jistrieħ dan ir-raġel marid: bil-Grieg *krabbatos*. Din kienet bħal sodda ta' persuni fqar jew oġġett biex jitrasportaw lill-marid.[31]

## Il-fidi

Interessanti li la Ġesù u lanqas is-sid ta' din id-dar (forsi Pietru?) ma jagħmlu reazzjoni għall-ħsara li kienet saret fis-saqaf ta' din id-dar fejn kien qiegħed Ġesù. Minflok, Ġesù jinnota l-fidi ta' dawk l-erbgħa li ħadu lil dan il-marid quddiemu. Hekk naqraw fil-v.5 "Meta ra l-fidi tagħhom, Ġesù qal lill-mifluġ: 'Ibni, dnubietek maħfura.'" Mhuwiex ċar jekk dan ir-raġel marid ukoll kellux fidi. Dak li hu żgur hu li l-Evanġelista jinnota l-fidi ta' dawn l-erbgħa. Il-fidi, bil-Grieg: *pistis*, tissemma hawn għall-ewwel darba fl-Evanġelju skont San Mark, kelma li San Mark imbagħad jużaha erba' darbiet oħra wara. L-ewwel, meta d-dixxipli raw lil Ġesù miexi fuq il-baħar u ħasbuh fantażma u beżgħu, Ġesù qalilhom: "Dal-biża' kollu għaliex? Mela *ma għandkomx fidi?*" (4:40), It-tieni, lill-mara bit-tnixxiegħa tad-demm, Ġesù jgħidilha: "Binti, *il-fidi tiegħek* fejqitek;" (5:34). It-tielet, lill-għama ta' Ġeriko, Ġesù wkoll jgħidlu: "*Il-fidi tiegħek* fejqitek" (10:52). F'dawn l-episodji, il-kelma 'fidi' dejjem insibuha fuq fomm Ġesù.[32]

Għal San Mark li temmen ifisser li tintelaq b'mod sħiħ u li tafda lil Alla, għaliex kif jgħid Ġesù stess f'dan l-Evanġelju: "Kollox jista' jkun għal min jemmen!" (9:23); u li " … għal Alla kollox jista' jkun." (10:27). Kontra l-fidi hemm il-biża'. Għalhekk, per eżempju, Ġesù jgħid lil Ġajru, il-kap tas-sinagoga li mar għand Ġesù jitolbu għal bintu li kienet ħażin: "Tibżax, biss inti emmen." (5:36).

## Dnubietek maħfrua

Mela kienet il-fidi ta' dawn l-erbat irġiel li wasslet lil Ġesù sabiex idur fuq dan il-marid u jgħidlu: "Ibni, dnubietek maħfura." (2:5). Din it-tweġiba ta' Ġesù probabbilment ma kinitx dak li dan ir-raġel u dawk li ġarrewh kienu qed jistennew. Pjuttost huma kienu ħadu lil dan il-marid quddiem Ġesù sabiex ifejqu fiżikament. Hemm tliet affarijiet x'ninnutaw fit-tweġiba ta' Ġesù quddiem dan il-marid.

L-ewwel, il-mod kif Ġesù jindirizza lil dan ir-raġel marid bħala "Ibni," bil-Grieg: *teknon*. Din hija espressjoni li San Pawl jużaha spiss fl-Ittri tiegħu.[33] Qisu hawn Ġesù qed jippreżenta lilu nnifsu bħala missier mimli mħabba, li jistabilixxi ir-relazzjoni tiegħu taħt forma paterna.

It-tieni ħaġa li rridu ninnutaw hija l-fatt li Ġesù jgħid lil dan ir-raġel marid: "dnubietek maħfura." Din hija affermazzjoni ambigwa għaliex l-użu grammatikali tal-verb "maħfura" hawn huwa fil-passiv. Fil-Grieg Bibliku din il-forma grammatikali tal-passat "divin" kif tissejjaħ, tintuża sabiex turi azzjoni magħmula minn Alla stess. Dan kien mod komuni fost il-Lhud kif jitkellmu fuq Alla mingħajr ma jsemmu l-isem tiegħu.[34] Mela, Ġesù ma kienx qed jgħid li kien hu li qed jaħfer id-dnubiet ta' dan ir-raġel marid. Minflok, permezz tal-użu tal-passiv, l-Evanġelista jurina li Ġesù kien qed jitkellem f'isem Alla, għalkemm ma nistgħux neskludu lanqas li Ġesù kien qed jitkellem bl-awtorità tiegħu stess. Il-kelma awtoritattiva ta' Ġesù kkomunikat il-maħfra ta' Alla.

It-tielet ħaġa li rridu ninnutaw hija li filwaqt li fil-bidu tal-episodju naqraw li Ġesù kien qiegħed ixandar il-Kelma (2:2), issa din l-istess kelma, ċioè, l-'Aħbar it-Tajba'[35] kienet qed isseħħ tassew f'forma ta' rebħa fuq il-qawwa tal-ħażen, fuq id-dnub. Fid-dawl ta' dan, tajjeb li nżommu f'moħħna kwestjoni oħra li kienet komuni fil-ħsieb Lhudi ta' dak iż-żmien. Qed nirreferi għat-twemmin Lhudi li kien jara rabta qawwija bejn il-mard u d-dnub.

Per eżempju, fl-Evanġelju skont San Ġwann, naqraw li lil dak ir-raġel li kien ilu 38 sena marid, Ġesù jgħidlu: "Ara, issa fiqt, qis li ma tidnibx iżjed, biex ma tiġrilekx xi ħaġa agħar" (Ġw 5:14). Fl-Evanġelju skont San Luqa wkoll naqraw kif xi nies qalu lil Ġesù dwar dawk il-Galilin li Pilatu kien ħallat demmhom mad-demm tal-vittmi tas-sagrifiċċji tagħhom. U Ġesù qalilhom: "Taħsbu intom li dawn il-Galilin kienu iżjed midinbin mill-Galilin l-oħra biex sofrew dan kollu?" (Lq 13:2). Din kienet idea komuni fost il-Lhud kif jidher f'tant kotba tat-Testment il-Qadim.[36] Fil-fatt, il-mard huwa wieħed mill-aktar kastigi qawwija li bihom il-Mulej Alla kien jhedded bih lill-poplu tiegħu minħabba l-infedeltà tal-istess poplu lejh.[37] Dan ma jfissirx iżda li l-mard jista' jiġi direttament attribwit lil xi ħtija personali kif naraw fl-istorja tal-ktieb ta' Ġob. Fil-fatt, fi Ġw 9:2-3, Ġesù jiċħad din il-konnessjoni, meta fl-episodju tal-għama tat-twelid id-dixxipli jgħidu lil Ġesù: "Rabbi, dan twieled agħma għax dineb hu stess, jew għax dinbu l-ġenituri tiegħu?" Ġesù wieġeb: "Mhux għax dineb hu jew il-ġenituri tiegħu." Fir-rakkont tagħna ħadd, la l-Evanġelista u lanqas xi ħadd mill-personaġġi li jissemmew, ma jagħmel din ir-rabta bejn id-dnub u l-mard. U għalhekk nistgħu ngħidu li f'dan ir-rakkont il-mard u d-dnub ma jidhrux li huma marbutin ma' xulxin. Kieku kien hekk, meta Ġesù ħafer id-dnubiet ta' dan ir-raġel marid, dan kien ikun mistenni wkoll li jibda jimxi.

## Il-kittieba

Wara li Ġesù jgħid lil dan ir-raġel li kien ħafirlu dnubietu, niltaqgħu ma' sorpriża fin-narrattiva ta' dan l-episodju. Proprju hawn naqraw hekk: "Mela kien hemm bilqiegħda xi wħud mill-kittieba, u f'qalbhom bdew jgħidu: 'Dan kif qiegħed jitkellem hekk? Dan qiegħed jidgħi! Min jista' jaħfirhom id-dnubiet ħlief Alla biss?'" (Mk 2:6-8). Sa issa l-kittieba ma kellhom l-ebda parti x'jilagħbu fir-rakkont ta' San Mark. Minn informazzjoni li nsibu aktar kmieni fin-narrativa, il-qarrejja iżda jafu, li t-tagħlim ta' Ġesù kien differenti jew aħjar superjuri minn dak tal-kittieba.[38]

Il-kittieba kienu jirrappreżentaw awtorità qawwija u ħafna drabi jissemmew f'episodji li jinkludu fihom kwestjonijiet



teoloġiċi bħal f'dan il-każ. Bi professjoni, il-kittieba kienu għalliema, ġuristi jew esperti tal-Liġi li kienu mħarrġa biżżejjed sabiex jinterpretaw il-Liġi ta' Alla.

Il-presenza tagħhom f'din id-dar fejn issa kien hemm ukoll dan ir-raġel marid teħodna għall-għarrieda, għaliex forsi aħna bħala qarrejja nistennew li f'din id-dar se nsibu biss persuni li kienu disposti li jisimgħu il-Kelma ta' Ġesù. L-Evanġelista ma jgħidilna xejn iżda x'kienu qed jagħmlu l-kittieba f'din id-dar jew kif kien irnexxielhom jidħlu f'din id-dar mimlija bin-nies. Aktar kurjuż huwa d-dettal li jagħtina San Mark meta jikteb li dawn il-kittieba preżenti f'din id-dar "kienu bilqiegħda." Meta nqisu kemm kien hemm nies f'din id-dar, nistaqsu: x'kienu qed jagħmlu dawn il-kittieba bilqiegħda hemmhekk? Din il-pożizzjoni ħafna drabi tintuża għal min jgħallem. Hekk, per eżempju, insibu lil Ġesù, bilqiegħda fuq dgħajsa jgħallem in-nies bil-parabboli.[39] Hawnhekk iżda, l-fatt li dawn il-kittieba kienu bilqiegħda jindika l-post ta' privileġġ li kienu jgawdu fis-soċjetà ta' żmienhom, pożizzjoni li Ġesù stess jikkundanna aktar tard fl-Evanġelju meta jgħid: "Iftħu għajnejkom mill-kittieba, li ... fis-sinagogi joqogħdu fis-siġġijiet ta' quddiem, u fil-postijiet ewlenin fil-pranzijiet." (12:39).

Iżda l-pożizzjoni tagħhom 'bilqiegħda' hawn jista' jkun li għandha tifsira aktar profonda. Il-fatt li huma kienu bilqiegħda juri li qed jiġu ppreżentati bħala persuni li ma setgħux jiċċaqilqu u li allura kienu immobbli bħal dan ir-raġel marid u bħal Levi l-pubblikan li naqraw dwaru fl-episodju ta' wara dan, li kien ukoll "bilqiegħda" wara l-mejda tat-taxxi.[40] Il-paraliżi tagħhom, mela, kienet fil-qalb tagħhom aktar milli fil-fiżiku,[41] kif tindika r-reazzjoni li huma jagħmlu f'qalbhom meta jistaqsu: "Dan kif qiegħed jitkellem hekk? Dan qiegħed jidgħi! Min jista' jaħfirhom id-dnubiet ħlief Alla biss?" (Mk 2:7-8).

Minn dan il-waqt 'il quddiem, ir-relazzjoni bejn Ġesù u l-kittieba ssir waħda ostili. F'dan l-ewwel waqt ta' konflitt, iżda, il-kontroversja

ma tiġix espressa bil-fomm b'mod illi jkun jista' jismagħha kulħadd. Minflok, huma jistaqsu lilhom infushom f'qalbhom. Ir-raġuni l-għala huma juru d-diżapprovazzjoni tagħhom lejn Ġesù hija mogħtija fil-vers 7: l-awtorità li xi ħadd jaħfer id-dnubiet kif kien għadu kemm għamel Ġesù, kienet prerogattiva esklussiva tal-Mulej Alla.[42] Mela, meta Ġesù kien qed jiddikjara li d-dnubiet ta' dak ir-raġel marid kienu maħfura, hu kien qed japplika għalih din il-prerogattiva riservata għal Alla. Dan ifisser li għal dawn il-kittieba, Ġesù kien qed jidgħi.[43]

Li wieħed jidgħi, bħal f'dan il-każ, jiġifieri li wieħed jatribwixxi għalih xi ħaġa mogħtija biss lill-Mulej Alla, kienet xi ħaġa li kellha tiġi kkastigata bil-mewt.[44] Fil-każ ta' dagħa kien hemm il-kastig tat-tħaġġir.[45] Tajjeb ninnutaw kif il-ġudizzju li dawn il-kittieba jgħaddu f'qalbhom meta jikkonkludu li Ġesù kien qed jidgħi, huwa l-istess ġudizzju li aktar tard fin-narrativa, il-qassis il-kbir jagħti kontra Ġesù fis-Sinedriju meta jgħid: "Id-dagħwa smajtuha!" (Mk 14:64). Fl-Evanġelju skont San Luqa nsibu xi ħaġa simili fl-episodju ta' meta Ġesù kien mistieden għall-ikel għand Xmun il-Fariżew u tidħol mara midinba li dilkitlu riġlejh, u Ġesù jiddikjara: "… li dnubietha, li kienu ħafna, inħafrulha …" (Lq 7:47). Iżda dawk li kienu fuq il-mejda miegħu bdew jgħidu fihom infushom: "Dan min hu biex jaħfer id-dnubiet ukoll?" (v.49).

L-istess naqraw fir-rakkont tagħna. Iżda l-Evanġelista San Mark ikompli jikteb: "Malli Ġesù ntebaħ fih innifsu x'kienu qegħdin jgħidu bejnhom u bejn ruħhom qalilhom: 'Għaliex qegħdin taħsbu hekk f'qalbkom?'" (Mk 2:8). L-Evanġelisti, speċjalment l-Evanġelista San Ġwann,[46] jenfasizzaw spiss id-don li kellu Ġesù li jaqra dak li kien hemm f'qalb il-bniedem. Il-fatt li Ġesù kien kapaċi jaqra qalb il-bniedem titfgħu ukoll fuq l-istess livell tal-Mulej Alla, għaliex fl-Iskrittura spiss naqraw li huwa Alla li jaqra qalb il-bniedem.[47] Huwa għalhekk li Ġesù meta ntebaħ x'kienu qed jaħsbu l-kittieba f'qalbhom jagħmlilhom mistoqsija: "Għaliex qegħdin taħsbu hekk f'qalbkom? X'inhu l-eħfef, tgħid lill-mifluġ, 'Dnubietek maħfura,' jew tgħidlu, 'Qum u aqbad friexek u imxi'?" (vv8-9).

## Id-dilemma tal-kittieba

F'sitwazzjonijiet ta' dibattiċi bħal dawn, spiss naqraw li Ġesù kien iweġġeb billi jistaqsi mistoqsija oħra. Hekk, per eżempju, jagħmel fl-episodju ta' meta raġel b'idu niexfa jidħol fis-sinagoga f'jum is-Sibt u qagħdu jgħassulu jekk kienx se jfejqu, u Ġesù jistaqsi: "X'jiswa li tagħmel nhar ta' Sibt, ġid jew deni? Issalva ħajja jew toqtolha?" (3:4). Hekk ukoll meta l-qassisin il-kbar u l-kittieba u x-xjuħ staqsewh b'liema setgħa kien qiegħed jagħmel dan kollu, hu weġibhom hekk: "Ħa nagħmlilkom mistoqsija waħda jien, weġbuni għaliha, u ngħidilkom b'liema setgħa qiegħed nagħmel dan kollu" (11:29).

Fil-każ tagħna, meta Ġesù staqsa x'kien l-eħfef jekk hux li jiddikjara li d-dnubiet ta' dak ir-raġel kienu maħfura jew li jfejqu fiżikament, faċilment li l-kittieba setgħu jaħsbu li d-dikjarazzjoni tal-maħfra tad-dnubiet kienet l-aktar triq ħafifa. Bil-kliem wieħed seta' jgħid li jrid, imma li tagħmel miraklu f'dan il-każ kien iservi ta' prova kemm il-kelma ta' Ġesù kienet tassew valida.

Id-dilemma tal-kittieba, mela, kienet li min-naħa kien jidher eħfef li Ġesù jaħfer id-dnubiet milli jfejjaq raġel marid. Min-naħa l-oħra, iżda, li tfejjaq raġel li ma setax jimxi kien sinjal tal-attività divina, jiġifieri xi ħaġa li seta' jagħmel Alla biss. Mela, jwieġbu xi jwieġbu l-kittieba għal din il-mistoqsija ta' Ġesù, huma kienu se jsibu ruħhom f'diffikultà. Huma ma ridux isejħu l-maħfra tad-dnubiet bħala l-eħfef ħaġa, għaliex dan kien se jkun 'insult' għal Alla, u allura kienu se jkunu huma stess li jiġu akkużati li

qed jidgħu, l-istess akkuża li għamlu huma kontra Ġesù! Imma fl-istess ħin, il-kittieba lanqas ma xtaqu jgħidu li l-eħfef ħaġa kienet li Ġesù jagħmel dan il-miraklu. Jekk inhu hekk, allura l-miraklu li kien se jagħmel Ġesù kien se juri li tassew huwa kellu s-setgħa li jwettaq l-istess azzjonijiet ta' Alla.



Ġesù għalhekk jirritorna għall-kwestjoni tal-maħfra tad-dnubiet: il-miraklu li kien se jagħmel ma kienx l-għan fih innifsu. Il-miraklu li kien se jagħmel Ġesù ma' dan ir-raġel marid kellu jseħħ sabiex bih juri min hu u minn fejn kienet ġejja s-setgħa tiegħu. Hekk allura jkompli jgħid Ġesù: "Mela biex tkunu tafu li Bin il-bniedem għandu s-setgħa jaħfer id-dnubiet fuq l-art," qal lil mifluġ, 'Qum, qiegħed ngħidlek, aqbad friexek u mur lejn darek.'"(vv.10-11).

## Bin il-bniedem

Għall-ewwel darba fl-Evanġelju, Ġesù hawnhekk jirreferi għalih innifsu bit-titlu ta' "Bin il-bniedem," titlu li jsir aktar prominenti fl-Evanġelju, speċjalment meta Ġesù jitkellem fuq il-passjoni u l-mewt tiegħu. It-titlu ta' Bin il-bniedem jeħodna lura għall-paġni tat-Testment il-Qadim, speċjalment għal dak li nsibu fil-Kapitlu 7 tal-Ktieb ta' Danjel. Inkiteb ħafna fuq l-oriġini u t-tifsira ta' dan it-titlu li fl-Evanġelju. Tajjeb li nżommu f'moħħna li dan it-titlu nsibuh użat dejjem fuq fomm Ġesù biss.[48]

Għalina bħala qarrejja ta' dan l-Evanġelju, it-tifsira ta' dak li Ġesù jgħid għalih innifsu f'din il-ġrajja, meta jsejjaħ lilu nnifsu 'Bin il-bniedem' tibqa' mistoqsija mhux solvuta. Imma din il-mistoqsija ma tistax tiġi mwieġba f'dan il-punt tal-istorja ta' San Mark: minflok, ikollna nistennew aktar tard meta l-Evanġelista jagħtina aktar informazzjoni fuq min hu Ġesù. Fil-fatt, bl-eċċezzjoni ta' dan ir-rakkont u dak li nerġgħu naqraw fl-istess kapitlu,[49] dan it-titlu ma nsibuhx użat f'San Mark qabel l-istqarrija ta' Pietru f'Ċesarija ta' Filippu.[50] Wara din il-ġrajja, imbagħad, it-titlu ta' 'Bin il-bniedem' jintuża daqs 12-il darba f'dan l-Evanġelju bħala ċavetta li biha Ġesù juri min kien tassew lid-dixxipli tiegħu.[51]

Xi ħaġa oħra li rridu ninnutaw huwa li dan hu l-uniku episodju fl-Evanġelju fejn il-maħfra tad-dnubiet hija marbuta mat-titlu ta' 'Bin il-bniedem.' Imkien aktar fl-Evanġelju ma nsibu li Bin il-bniedem jista' jaħfer id-dnubiet. Interessanti ninnutaw kif Ġesù jgħid li bħala Bin il-bniedem hu għandu s-setgħa li jaħfer id-dnubiet "fuq l-art." Is-setgħa ta' Alla li jaħfer id-dnubiet mis-smewwiet, issa kienet qed tingħata wkoll lil Bin il-bniedem 'fuq l-art.' Tassew li kif naqraw fl-episodju tal-magħmudija ta' Ġesù, is-smewwiet kienu "iċċartu" (Mk 1:10), u dak Alla li kien jgħix fis-smewwiet, issa kien qed juri l-preżenza tiegħu fuq din l-art fil-persuna ta' Ibnu, li ma kien ħadd għajr 'Bin il-bniedem', li kellu jerġa' jiġi fil-glorja, kif naqraw fil-ktieb ta' Danjel.[52]

Ġesù, mela, juri li kien tassew Bin il-bniedem bis-setgħa li jaħfer id-dnubiet fuq l-art billi jwettaq il-miraklu li bih jikkonferma l-kliem tiegħu li seta' jaħfer id-dnubiet ta' dan ir-raġel marid. Hekk naqraw fil-versi 11-12 meta Ġesù jgħid lill-marid: "'Qum, qiegħed ngħidlek, aqbad friexek, u mur lejn darek.' Dak qam, qabad malajr friexu, u ħareġ 'il barra quddiem kulħadd."

## Il-miraklu

Il-miraklu huwa rrapurtat b'mod rapidu. Fil-v.10 Ġesù jkellem lir-raġel u jirrepeti l-kliem li kien użat sabiex jisfida lill-kittieba fil-v.9 "Qum, u aqbad friexek u imxi" (v.11). U l-fejqan iseħħ b'mod immedjat permezz ta' kelma li San Mark jużaha spiss: "minnufih", bil-Grieg: *euthus*. Għall-kliem ta' Ġesù, ir-raġel, "iqum", jieħu fuqu l-friex u quddiem kulħadd iħalli din ix-xena (v.11a). It-tliet verbi użati hawn jaqilbu ta' taħt fuq is-sitwazzjoni li kien fiha dan ir-raġel marid sa ftit qabel: dak li kien mixħut fuq il-friex, issa jqum minn fuq il-friex; dak li kienu qed iġorruh erba' t'irġiel, issa jkun hu li jieħu fuqu l-friex; dak li lanqas seta jidħol fid-dar minħabba l-folla, issa jimxi quddiem kulħadd u joħroġ mid-dar mingħajr ebda problema ta' xejn.

Tajjeb li ninnutaw ukoll il-qawwa tal-użu tal-verb 'qum', bil-Grieg: *egeire*, li jintuża hawnhekk. Dan hu l-istess verb li San Mark diġà użah fir-rakkont tal-fejqan ta' omm il-mara ta' Xmun, fejn wara li Ġesù qabadha minn idha u 'qajjimha' hija qamet isservihom.[53] Dan hu wkoll l-istess verb li se jintuża fil-miraklu tal-qawmien mill-mewt tat-tifla ta' Ġajru[54] u għall-qawmien ta' Ġesù stess.[55] Bl-użu ta' dan il-verb, San Mark bħal donnu, mela, jrid jurina li dan ir-raġel kien qed jibda ħajja ġdida daqslikieku kien bħal raġel mejjet imma issa raġa' ħa l-ħajja. Dan ma jseħħx biss fuq livell fiżiku, daqskemm fuq livell spiritwali wara li kien ħa prova li dnubietu kienu tassew inħafrulu permezz tal-miraklu tal-fejqan fiżiku. Il-miraklu, mela, kien sinjal estern tal-ħelsien interjuri li dan ir-raġel kien kiseb bil-maħfra tad-dnubiet.

## Konklużjoni tar-rakkont

Il-kittieba josfru mix-xena hekk kif Ġesù jagħmel il-miraklu. F'kuntrast magħhom naqraw hekk fil-konklużjoni tar-rakkont: "U kulħadd stagħġeb, u bdew ifaħħru lil Alla u jgħidu: 'Ħwejjeġ bħal dawn qatt ma rajnihom'" (v.12b). Bħalma jiġri spiss fl-Evanġelju skont San Mark, il-folla tagħmel reazzjoni ta' stagħġib u tfaħħar lil Alla. Il-kittieba, iżda, ma jaqsmux mal-folla dan l-istagħġib mimli ferħ. Din ir-reazzjoni tal-kittieba tippreparana għal dak li naqraw fl-erba' kontroversji l-oħra li jsegwu dan ir-rakkont li jispiċċaw bil-komplott sabiex jeqirdu lil Ġesù. Sa minn kmieni ħafna, fin-narrativa tiegħu, San Mark għalhekk jurina li l-ħajja ta' Ġesù kienet taħt id-dell tas-salib.

## Referenzi

1 Jidher li San Mattew u San Luqa li kitbu wara San Mark, ħadu dan l-istess episodju u daħluh jagħmel parti minn narrattiva tagħhom. Ara Mt 9:1-8 u Lq 5:17-26.

2 Mk 2:1-12.

3 Mk 2:13-17.

4 Mk 2:18-22.

5 Mk 2:23-28.

6 Mk 3:1-6.

7 Ara Mk 3:6.

8 Fuq dan il-punt ara Benoit Standaert, *Marco Vangelo di una notte vangelo per la vita: Commentario,* Bologna 2012, 145.

9 Ara l-argumenti ta' William L. Lane, *The Gospel of Mark, The New International Commentary on the New Testament,* Grand Rapids/Michigan 1974, 91.

10 Xi studjużi huma tal-fehma li dawn l-istejjer ta' konflitt f' 2:13-3:6 kienu diġà miġburin flimkien qabel ma San Mark kiteb l-Evanġelju tiegħu. Fost dawn l-istudjużi ara J. D. G. Dunn, "Mark 2:1-3:6: A Bridge Between Jesus and Paul in the Question of the Law," *New Testament Studies* 30 (1984): 395-415.

11 Mk 2:1-12.

12 Mk 2:13-17.

13 Mk 2:23-28.

14 Mk 3:6

15 Ara Mk 1:29. Fuq dan il-punt ara, Francis J. Moloney, *The Gospel of Mark: A Commentary,* Peabody/ Massachusetts 2002, 60.

16 Ara Mk 1:39.

17 Ara Mk 3:1-5; 6:1-6.

18 Fuq dan il-punt ara Klemens Stock, *Vangelo secondo Marco,* Padova 2005, 63.

19 Ara wkoll Mk 4:14-20.33.

20 Ara Mk 1:30.32; 7:32; 8:22; 9:17. Dawn ir-referenzi kollha jagħmlu użu mill-istess verb bil-Grieg: *pherein.*

21 Ara Mk 1:16-20.29

22 Fuq dan l-argument ara Benoit Standaert, *Marco Vangelo di una notte vangelo per la vita: commentario,* Bologna 2011, 150.

23 Ara Mk 1:5.33.45. Ara Benoit Standaert, *Marco Vangelo di una notte vangelo per la vita: commentario,* Bologna 2011, 151.

24 Ara Mk 10:46-52.

25 Ara Mk 2:1-12.

26 Ara Mk 11:1-10.

27 Ara Mk 15:6-15.

28 Ara Lq 19:1-10.

29 Fil-letteratura Rabbinika kontemporanja għall-Evanġelji nsibu wkoll episodji li fihom xi ħadd jaqla s-saqaf sabiex iniżżlu lil xi ħadd minnu. Ara H. van der Loos, *The Miracles of Jesus,* Leiden 1965, 440-442.

30 Ara Atti 9:25; 2 Kor 11:33.

31 San Luqa, jevita dan it-terminu kull darba li jkun qed jieħu xi episodju minn San Mark, għalkemm jużah fl-Atti tal-Appostli. Ara Atti 5:15; 9:33. Ara wkoll Ġw 5:8.9.10.11.

32 San Mark juża mhux biss in-nom 'fidi' imma wkoll il-verb 'temmen', bil-Grieg: *pisteuein*, li f'dan l-Evanġelju nsibuh użat daqs 11-il darba. Kuntrarju għal dan il-verb 'temmen' San Mark juża wkoll l-espressjoni 'nuqqas ta' fidi', bil-Grieg: *apistia – apistos.* Ara Mk 6:6; 9:19; 9.24.

33 Ara, per eżempju, 1 Tess 2:11.

34 Fuq l-użu tal-passiv divin f'dan il-vers ara Robert A. Guelich, *Mark 1-8:26: Word Biblical Commentary 34A,* Dallas/Texas 1989, 85-86.

35 Ara Mk 1:14-15.

36 Ara Sir 38:1-5l; Salm 38:2-18; 107:17. Fuq dan is-suġġett ara per eżempju, Daniel Harrington, *Why do we Suffer? A Scriptural Appraoch to the Human Condition,* Franklin 2000.

37 Ara, per eżempju, Dewt 28:21-35.

38 Ara Mk 1:22.

39 Ara Mk 4:1. Ara wkoll 13:3.

40 Ara Mk 2:14.

41 Fuq dan il-punt ara, Klemens Stock, *Vangelo secondo Marco,* Padova 2005, 63.

42 Ara, per eżempju, Eżod 34:7; Isa 43:25; 44:22.

43 Għal diskussjoni fuq dak li kien meqjus bhala dagħa fil-Bibbja, ara, John R. Donahue – Daniel J. Harrignton, *The Gospel of Mark, Sacra Pagina 2,* Collegeville/Minnesota 2002, 94-95.

44 Ara, per eżempju, Lev 24:15; 1 Slat 21:13.

45 Lev 24:10.23; 1 Slat 21:13; Ìw 10:33.

46 Ara Ġw 2:24-25; 4:29; 6:15; 16:30.

47 1 Sam 16:7; Salm 7:10; Ġer 11:20; Sir 43:18-19.

48 Għad-diskussjoni fuq it-titlu ta' Bin il-Bniedem ara M.D. Hooker, "Is the Son of Man Problem Really Insoluble?" in *Text and Interpretation: Studies in the New Testament Presented to Matthew Black,* ed. E. Best and R.McL. Wilson, Cambridge 1979, 155-168; D.R. Burkett, *The Son of Man Debate: A History and Evaluation,* SNTSMS 107, Cambridge 2000.

49 Ara Mk 2:28.

50 Ara Mk 8:29.

51 Jacob C. Naluparayil, *The Identity of Jesus in Mark,* Jerusalem 2000.

52 Ara Dan 7.

53 Ara Mk 1:30.

54 Ara Mk 5:1.

55 Ara Mk 16:6.



# IL-QABAR TA' KRISTU MIKXUF

*Giorgio Bernardelli*

***I Francescani: "Ecco com'è la pietra del sepolcro di Gesù"***

**lastampa.it (30/10/2016)**

Din il-ġimgħa assistejna għal avveniment storiku fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu f'Ġerusalemm. Stajna nkunu xhieda ta' xi ħaġa li kienet ilha ma tiġri sekli fil-Qabar vojt ta' Ġesù, l-aktar post qaddis għall-Kristjanità. Matul dawn l-aħħar xhur qed isir xogħol ta' restawr fuq l-Edikola tal-Qabar ta' Kristu, li fiċ-ċentru ta' din il-knisja kbira, tiġbor fiha l-post li skont it-tradizzjoni antikissima Kristjana hu l-Qabar li fih Ġesù ġie mqiegħed wara li miet fuq is-salib.

Ir-restawr sar possibbli wara qbil bejn id-diversi Knejjes insara li flimkien jamministraw il-Bażilika. Dan ir-restawr għandu x'jaqsam prinċipalment mal-istatiċità ta' din l-Edikola li tinsab fiċ-ċentru tar-rotunda; skont is-sejbiet li għamlu esperti, fil-fatt, l-istabilità tagħha ġiet kompromessa sal-punt li kien meħtieġ li tiġi msewwija u li jitneħħew ir-rinforzi tal-ħadid li jagħlquha bħal f'gaġġa minn wara t-terremot li kien laqat lil Ġerusalemm fl-1927. Fl-Art Imqaddsa, iżda, ir-restawr hu dejjem okkażjoni prezzjuża biex wieħed japprofondixxi l-għarfien arkeoloġiku. Dak hu li qiegħed jiġri fil-Qabar ta' Kristu, bid-deċiżjoni li saret li, għal biss 60 siegħa, jitneħħa l-wiċċ tal-irħam li jservi bħala altar ġewwa l-Edikola, fl-ispazju dejjaq li fih jidħlu l-pellegrini biex iqimu l-Qabar ta' Ġesù.

Dan kien fatt għal kollox eċċezzjonali: l-aħħar darba li nfetaħ il-Qabar kien fl-1810 (waqt ir-restawr tal-Edikola wara n-nirien tal-1808, immexxija mill-arkitett Nikolaos Komnenos minn Mitylene, n.d.), u jekk immorru aktar lura fiż-żmien il-kronaki jitkellmu biss minn ftuħ ieħor li kien sar fl-1555, fl-okkażjoni tal-bini mill-ġdid tal-Edikola (mill-Kustodju Patri Bonifacio di Ragusa, jew Dubrovnik, n.d.). L-operazzjoni – li damet b'kollox 60 siegħa – bdiet nhar l-Erbgħa 26 ta' Ottubru. Fl-4 p.m. il-Bażilika ngħalqet għall-pellegrini, u fis-7 p.m., wara li ttieħdu l-prekawzjonijiet kollha, ġiet imneħħija l-irħama tal-wiċċ tal-Qabar, fil-preżenza tal-Patrijarka Grieg Ortodoss Theophilos III, tal-Vigarju tal-Kustodja Franġiskana tal-Art Imqaddsa, Patri





Dobromir Jasztal ofm, u tal-Isqof Armen Ortodoss Sévan.

Il-mument eċċezzjonali ġie filmat min-National Geographic, li akkwistat id-dritt esklussiv tal-immaġini mid-direzzjoni tar-restawri, immexxija mill-grupp tal-Università Teknika Nazzjonali ta' Atene, koordinati mill-Professoressa Antonia Moropoulou. Dak li nstab hu interessanti. Biex jiġi evitat ir-riskju ta' danni, jidher li l-ispazju ta' taħt il-wiċċ tal-irħam kien ġie mimli bir-ramel. Matul il-lejl u fl-għodwa tas-27 ta' Ottubru saret ħidma biex jitneħħa r-ramel. X'ħareġ għad-dawl? Ir-rakkont jagħtuhulna l-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa fuq is-sit tal-internet tagħhom, bit-titlu "Rajt il-Qabar ta' Kristu li rxoxta."

Il-Franġiskani jirrakkontaw kif, wara li tneħħa r-ramel, "deher wiċċ ieħor tar-rħam griż, wiċċ li hu maqsum. Hu twil daqs il-wiċċ tar-rħam ta' fuq, imma wiesgħa biss nofsu; il-kumplament jidher li nkiser. L-arkeoloġi jaħsbu li jista' jkun wiċċ li kienu poġġew il-Kruċjati. Fuqu jidher imnaqqax salib. Għalissa għad ma hemmx ċertezza, u rridu nistennew ir-riżultati tal-istudji xjentifiċi fuq il-fdalijiet li nstabu."

Dak li affaxxina lil kull min daħal fl-Edikola hu dak li kien jidher taħt il-qasma ta' dan il-wiċċ imkisser. "Fil-post li fih ma hemmx rħam griż – ikomplu l-Franġiskani – tidher il-blata. Hi l-blata oriġinali, is-sodda funebri li fiha tqiegħed Ġesù, maqtugħa fl-istess ġebla tipika ta' Ġerusalemm." U hemm dettall ieħor interessanti mil-lat arkeoloġiku: "Fil-blata wieħed jista' jara sinjali ta' kanali mnaqqxin." Dan hu fenomenu li għadu miftuħ għal interpretazzjonijiet diversi bejn l-esperti. Dawn il-kanali setgħu jintużaw biex jgħaddu minnhom fluwidi, jew għal xi rit Biżantin li fih kien jiġi mqaddes iż-żejt, skont oħrajn." Hemm indikazzjoni oħra li tista' tforni għajnuna għall-indaġini u li forsi tista' tgħin fiha l-ikonografija: "Il-mod li fih hi maqtugħa l-blata tista' tagħti ħjiel lill-ispeċjalisti dwar liema kien l-orjentament tal-ġisem ta' Ġesù, jiġifieri, ir-ras kienet orjentata lejn il-punent jew lejn il-lvant?" Fl-aħħarnett il-Franġiskani jagħmlu din ir-riflessjoni: "Dak li kulħadd ra hu li l-blata li fiha straħ il-ġisem ta' Kristu hi blata għal kollox



ordinarja, imma għal dawk li ittawlu ġewwa fiha dan kien mument assolutament straordinarju."

Dawn huma l-ftit impressjonijiet tal-bidu, imma huma xorta waħda ċari biżżejjed biex jikkonfermaw il-fundament storiku tad-devozzjoni tal-insara għall-Qabar vojt ta' Ġesù. Is-sejbien tal-blata hu konferma oħra tal-fatt li, fiċ-ċentru tar-rotunda hemm tassew blata li kienet tintuża bħala Qabar; blata li ċertament kienet diġà fiċ-ċentru tal-post tat-talb tal-komunità Lhudija-Kristjana ta' Ġersualemm, qabel il-qerda li għamel l-Imperatur Adrijanu fis-sena 135 w.K., li biddel dan il-post f'tempju pagan ta' kult lill-allat Ġove, Minerva u Venere.

Nistgħu għalhekk nifhmu l-emozzjoni profonda li biha l-Franġiskani jikkonkludu r-rakkont tagħhom: "Min seta' jara b'għajnejh din il-blata, ħassu bħan-nisa li wieġbu għall-istedina tal-Anġli nhar Ħadd il-Għid (Mt 28,6), u jista' tassew iħoss li ġie mimsus, immarkat u mbierek mill-Mulej għax għex dan il-jum straordinarju. Raw b'għajnejhom stess il-punt eżatt li fih il-ġisem tal-Mulej ġie mqiegħed. Setgħu jħossu li Ġesù kien verament jinsab hemmhekk. Imma għajnejhom setgħu wkoll jikkontemplaw il-ġenb miftuħ ta' Ġesù quddiem Tumas li jrid idaħħal sebgħu fil-ġrieħi tal-passjoni. Jekk irnexxielhomx imissu jew le l-post qaddis mhux importanti, daqskemm il-fatt li ħarġu mill-Edikola b'għajta ta' ferħ: "Iva, aħna ċerti, Kristu qam tassew mill-imwiet. Int, Sultan rebbieħ, ħenn għalina" (Sekwenza tal-Għid).

**ĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGĦEK**

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA




## ABBONAMENT:

€10 fis-sena

€15 jew aktar Sostenitur

**TOĦROĠ KULL 3 XHUR**

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

## TIĠDID L-ART IMQADDSA 2017

Kunjom ____________________

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Kodiċi Postali ____________________

Qed nibgħat € ____________
bħal abbonament għall-2017

# *Pellegrinaġġi Franġiskani* 2017

**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**

8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

## Art Imqaddsa u Ġordanja
20 - 30 April

## Art Imqaddsa
10 - 18 Mejju
13 - 21 Lulju
17 - 25 Awwissu
10 - 18 Settembru

## Art Imqaddsa *Extra*
6 - 16 Novembru

## Assisi
28 Awwissu - 2 Settembru

## Polonia
29 Lulju - 2 Awwissu

